IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 18.4.2012
COM(2012) 173 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi

{SWD(2012) 90 final}
{SWD(2012) 92 final}
{SWD(2012) 93 final}
{SWD(2012) 95 final}
{SWD(2012) 96 final}
{SWD(2012) 97 final}
{SWD(2012) 98 final}
{SWD(2012) 99 final}
{SWD(2012) 100 final}

MT MT

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi

INTRODUZZJONI

L-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-mira li sal-2020 ikun hemm impjegati 75 % tan-nies ta' bejn l-etajiet ta' 20 u 64[1]. Biex tintlaħaq din il-mira, l-impjiegi fl-UE jridu jiżdiedu bi 17,6 miljun impjieg fuq iċ-ċifra preżenti. Iżda, matul il-kriżi, ir-rata tal-impjiegi niżlet għal 68,9 % (3Q2011)[2], u l-qgħad baqa' konsistentement ogħla minn 9,5 % mill-bidu tal-2010, u f'Jannar 2012 laħaq l-10,2 %. Minkejja li ġew irreġistrati żidiet fl-impjiegi ta' 1,5 miljun sa nofs l-2011, dawn ftit li xejn kellhom effett li jpattu għat-telf ta' 6 miljun impjieg li ġarrbet l-UE mill-2008 'l hawn. Id-deċelerazzjoni tat-tkabbir min-nofs tal-2011 'l hawn, bi prospett inqas favorevoli għall-2012[3], u diverġenzi dejjem jikbru bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, komplew kabbru l-isfida fir-rigward tal-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar.[4]

Barra riċessjoni prevista f'ċerti pajjiżi, u kriżi tad-dejn sovran imtawla, l-attivitajiet ekonomiċi fl-Ewropa qegħdin jissawru mill-ġdid minn trasformazzjonijiet strutturali fuq medda itwal ta' żmien, bħalma huma l-ħtieġa li l-ekonomija tinbidel f'waħda favur l-ambjent, li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju; it-tixjiħ demografiku, flimkien ma' flussi komplessi tal-popolazzjoni, u tibdil teknoloġiku mgħaġġel flimkien mal-emerġenza ta' ekonomiji kbar. Dawn it-tibdiliet strutturali jaffettwaw lis-swieq tax-xogħol b'modi diversi, u se jkomplu jaffettwawhom, partikolarment fil-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi. Is-swieq tax-xogħol dinamiċi u inklużivi, fejn in-nies ikollhom il-ħiliet adattati, huma essenzjali jekk irridu li b'rieħet dawn l-iżviluppi tiżdied, flok tonqos, il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea.

L-Artikolu 3 tat-Trattat jistabbilixxi bħala miri tal-UE l-impjieg għal kulħadd u l-koeżjoni soċjali. Dawn il-miri għadhom kwistjonijiet ewlenin li jinkwetaw liċ-ċittadini tal-UE, u qegħdin fil-qalba ta' Ewropa 2020. Il-prospetti għaż-żidiet tal-impjiegi jiddependu, fil-parti l-kbira, fuq il-kapaċità tal-UE li tiġġenera t-tkabbir ekonomiku permezz ta' politiki makroekonomiċi, industrijali u tal-innovazzjoni xierqa. Fl-istess ħin, it-tisħiħ tat-tkabbir li jġib miegħu abbundanza ta' impjiegi jirrikjedi wkoll politiki dwar l-impjieg li jiġġeneraw kundizzjonijiet favorevoli għall-ħolqien tal-impjiegi, li jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet pożittivi, iżidu l-provvista ta' ħaddiema u jtejbu t-tlaqqigħ, ġeografiku u tal-ħiliet, mal-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol. Barra milli jikkontribwixxu għall-irkupru fi żmien qasir, dawn il-politiki tal-impjieg jiffurmaw ukoll parti mill-*investimenti soċjali* essenzjali li jimpedixxu

---

1 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, COM(2010) 2020 tat-3 ta' Marzu 2010, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010.

2 Reviżjoni ta' kull tliet xhur dwar is-Sitwazzjoni fl-UE tal-Impjieg u dik Soċjali, Marzu 2012

3 Skont il-Previżjoni Interim ta' Frar 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni: l-UE jidher li se tesperjenza PDG li se jistaġna fl-2012, u ż-żona tal-euro se tintlaqat minn reċessjoni mhix ħarxa.

4 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż, dwar ix-xejriet u l-isfidi tas-Suq tax-Xogħol.

akkumulazzjoni ta' spejjeż soċjali u fiskali akbar f'terminu ta' żmien twil[5]. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 tal-UE jitlob azzjoni determinata biex iżżid il-ħolqien tal-impjiegi u tiżgura rkupru b'abbundanza ta' xogħol, u dan il-messaġġ ittenna b'mod qawwi mill-Mexxeja tal-Istati u tal-Gvernijiet waqt il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2012[6].

Din il-Komunikazzjoni dwar il-politika tfittex li tikkomplementa l-prijoritajiet dwar l-impjiegi tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir bi gwida tal-politiki fuq terminu ta' żmien medju għat-tħaddim tal-miri dwar l-impjiegi ta' Ewropa 2020. Hija tkompli tibni fuq il-Linji Gwida[7] dwar l-Impjiegi, tistabbilixxi l-azzjonijiet li jeħtieġu enfasi partikolari fil-kuntest attwali u timmira li tibni l-fiduċja fost l-atturi kollha u li tiġġenera l-fiduċja biex jinbdew ir-riformi meħtieġa tal-impjiegi. Filwaqt li tagħmel hekk, qiegħda tirreaġixxi wkoll għas-sejħa tal-Kunsill Ewropew[8] li tappoġġa l-governanza ekonomika ġdida b'monitoraġġ iżjed mill-qrib tal-politiki dwar l-impjiegi u soċjali, b'mod partikolari fejn dawn jistgħu jkollhom impatt fuq l-istabbiltà makroekonomika u fuq it-tkabbir[9].

Il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata minn sensiela ta' Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal, li jagħtu d-dettalji ta' kif il-politiki dwar l-impjiegi jinkroċjaw ma' għadd ta' oqsma politiċi oħra għall-appoġġ ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Meta jitqies kollu kemm hu, dan il-"Pakkett dwar l-Impjiegi", mhux biss jagħti spinta 'l quddiem lill-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020 dwar "Ħiliet u impjiegi ġodda", iżda jgħin ukoll biex jagħti r-riżultati, permezz ta' sinerġiji mtejba, fir-rigward ta' inizjattivi ewlenija, bħall-"Aġenda Diġitali għall-Ewropa", "Unjoni tal-Innovazzjoni", "Żgħażagħ Attivi", "Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza", "Politika Industrijali għall-Era tal-Globalizzazzjoni", u "Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali". Il-Pakkett dwar l-Impjiegi juri wkoll kif il-baġit tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, jista' jiġi mobilizzat biex jappoġġa r-riforma tas-swieq tax-xogħol u jgħin biex jirriżulta l-investiment meħtieġ fil-kuntest ta' tnaqqis ekonomiku.

Filwaqt li d-dinamiċi tas-swieq tax-xogħol jeħtieġ li jkunu ġġenerati b'mod ewlieni f'livell nazzjonali, din il-Komunikazzjoni tibda tħaddem il-lievi tal-UE għas-sostenn ta' rkupru li jġib abbundanza ta' impjiegi, billi tindirizza ż-żewġ naħat ta' domanda u provvista tas-suq tax-xogħol u timxi lejn il-ħolqien ta' suq tax-xogħol Ewropew ġenwin.

1. IS-SOSTENN TAL-ĦOLQIEN TAL-IMPJIEGI

Is-sostenn tal-ħolqien tal-impjiegi u tal-allokazzjoni jew l-allokazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema għandu jkollhom fil-mira t-tkabbir ta' attivitajiet, setturi u negozji sostenibbli, b'mod partikolari fost l-SMEs[10]. Il-politika trid tkompli timmira lejn it-titjib kemm fil-produttività kif ukoll fl-impjiegi, b'hekk tikkontribwixxi għal allokazzjoni tar-riżorsi umani li tikkorrispondi għall-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali kif inhuma identifikati fl-Istrateġija Ewropa 2020, u toħloq bilanċ tajjeb bejn is-setturi kummerċjabbli u dawk mhux

---

5 Kif ġie osservat fi stqarrija tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012, "It-tkabbir u l-impjiegi jerġgħu jibdew biss jekk insegwu approċċ konsistenti u wiesa', li jikkombina konsolidazzjoni fiskali intelliġenti li tippreserva l-investiment fit-tkabbir tal-ġejjieni, politiki makroekonomiċi sodi u strateġija tal-impjiegi attiva li tippreserva l-koeżjoni soċjali".

6 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta''°Marzu°2012.

7 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-Impjiegi

8 Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011

9 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru°2012.

10 L-SMEs ħolqu 85 % tat-tkabbir nett tal-impjiegi matul il-perjodu ta' bejn l-2002 u l-2010.

kummerċjabbli. Għandha ittejjeb ukoll il-qagħda tas-swieq tax-xogħol għal gruppi li huma aktar vulnerabbli, bħaż-żgħażagħ, in-nisa, dawk li għandhom inqas ħiliet, ħaddiema avvanzati fl-età, kif ukoll dawk li jagħmlu parti minn minoranza. B'riflessjoni tal-isfidi strutturali ekonomiċi ewlenin li qed tiffaċċja l-Ewropa, il-miżuri trasversali jridu jkunu komplementati minn azzjoni speċifika f'setturi b'potenzjal partikolarment b'saħħtu ta' impetu għat-tkabbir b'abbundanza ta' impjiegi.

1.1. Ngħaqqlu l-ħolqien tal-impjiegi fl-ekonomija kollha billi ninkoraġġixxu d-domanda għax-xogħol

Il-politiki dwar l-impjiegi jgħinu fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet tajbin għall-ħolqien tal-impjiegi. Filwaqt li jagħmlu hekk, jistgħu jimmobilizzaw is-sostenn[11] tal-baġit tal-UE (u b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew). Barra miżuri favur in-naħa tal-provvista, bħalma huma ħiliet u investiment fl-attivazzjoni, u servizzi ta' tqabbil tal-ħaddiema mal-impjiegi, hemm ukoll għadd ta' strumenti li jkollhom impatt pożittiv fuq id-domanda għall-ħaddiema:

– **Sussidji mmirati lejn impjegaturi li jiffavorixxu l-impjegar ta' *nies ġodda*.** Is-sussidji għall-impjegar intużaw b'mod wiesa' mill-Istati Membri bħala mod biex jittaffew l-effetti ta' qgħad li jġibu l-kriżijiet ekonomiċi, u normalment ikunu mmirati lejn gruppi żvantaġġati. Biex jinħolqu l-inċentivi mixtieqa, is-sussidji għall-impjegar għandhom jimmotivaw lill-impjegaturi biex jimpjegaw *nies ġodda*, u b'hekk joħloq impjiegi li kieku ma kinux jinħolqu mod ieħor. Jekk il-miżuri jkunu mmirati lejn gruppi vulnerabbli bħalma huma ż-żgħażagħ jew dawk li jkunu ilhom żmien twil qiegħda, dan jista' jkollu effetti pożittivi, partikolarment meta s-sussidji għall-impjegar ikunu kkumbinati ma' sforzi addizzjonali biex jgħinu lill-popolazzjoni fil-mira.

– **Tnaqqis tad-differenzi fit-taxxi fuq ix-xogħol b'mod baġitarju newtrali** permezz ta' tibdil lejn taxxi ambjentali[12], fuq il-konsum jew fuq il-proprjetà, b'monitoraġġ xieraq tal-effetti tad-distribuzzjoni mill-ġdid. F'ħafna Stati Membri hemm lok għat-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi li jagħmlu l-akbar parti mid-differenzi fit-taxxi. Jekk ikun hemm tnaqqis għall-iżjed gruppi żvantaġġati - speċjalment għal dawk li għandhom pagi baxxi - dan mistenni li jkollu impatti pożittivi għall-impjieg tagħhom anki fuq medda twila ta' żmien, għalhekk din hija għodda ppreferita għat-tkabbir tad-domanda għax-xogħol. B'danakollu, it-tfassil u l-implimentazzjoni jridu jitħejjew bl-attenzjoni biex ma jkunx hemm effett negattiv fuq il-prospetti ta' impjieg ta' gruppi li jkunu ineliġibbli (għal ftit). Barra minn hekk, jista' jkun hemm spejjeż li ma jirrendu xejn jekk it-tnaqqis ma jkunx immirat sew.

– **Il-promozzjoni u l-appoġġ ta' min jaħdem għal rasu, impriżi tal-ekonomija soċjali u għat-twaqqif ta' negozji ġodda.** Dawk li jkunu qed ifittxu impjieg, li huma

[11] Għandha tiġi żgurata konformità mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, filwaqt li wieħed jiftakar fil-possibbiltajiet previsti f'dawn ir-regoli għall-għajnuna fir-rigward tal-impjiegi, ara b'mod partikolari l-Artikoli 15,16, 40-42 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* id-9 ta' Awwissu 2008, L214

[12] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan Direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (COM(2011) 112) juri li l-użu ta' dħul mill-irkantar tal-konċessjonijiet tal-ETS u t-tassazzjoni tas-CO_2 biex titnaqqas l-ispiża tax-xogħol għandu jkollu impatti pożittivi fuq l-impjiegi.

motivati li jistabbilixxu u jmexxu n-negozji tagħhom jista' jkollhom jegħlbu ħafna tfixkil, li jinkludi nuqqas ta' ħiliet professjonali jew kummerċjali, jew nuqqas ta' possibbiltajiet ta' konsulenza esperta, u d-diffikultajiet biex jaċċessaw il-finanzjament. L-inkoraġġiment ta' mentalità imprenditorjali, aktar disponibbiltà ta' servizzi ta' sostenn għat-twaqqif ta' negozji u ta' mikrofinanzjament , kif ukoll skemi li jdawru l-benefiċċji tal-qgħad f'għotjiet għat-twaqqif ta' negozji, għandhom rwol importanti ta' għajnuna għal min irid jaħdem għal rasu u fil-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Is-sostenn għandu jkun immirat lejn gruppi li għandhom l-aktar potenzjal, (bħalma huma ħaddiema qiegħda li jkollhom ħiliet professjonali, in-nisa jew iż-żgħażagħ), u għandu jiddependi fuq kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tal-impjiegi, u dawk li jipprovdu l-appoġġ għan-negozji u l-finanzi. L-atturi fl-ekonomija soċjali u l-**impriżi soċjali** huma muturi importanti tal-ħolqien ta’ impjiegi inklużivi u tal-innovazzjoni soċjali u jeħtieġu appoġġ speċifiku, inkluż permezz tal-akkwist pubbliku u l-aċċess għall-finanzjament.

– **It-trasformazzjoni ta' xogħol informali jew mhux iddikjarat għal xogħol regolari.** Ix-xogħol mhux iddikjarat huwa illegali. Għandu wkoll implikazzjonijiet serji għall-baġit minħabba tnaqqis fid-dħul mit-taxxi u mill-ħlasijiet tas-sigurtà soċjali. Għandu impatt negattiv fuq il-produttività u fuq l-istandards tax-xogħol, l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja. Jirrappreżenta biss bażi dgħajfa għad-drittijiet tal-pensjoni u għall-aċċess għall-kura tas-saħħa. Il-prevenzjoni tax-xogħol mhux iddikjarat u l-azzjonijiet kontra tiegħu bl-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva 2009/52/KE li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali, apparti milli tgħin lill-ħaddiema li mhumiex iddikjarati biex jintegraw fis-swieq tax-xogħol regolari, tgħin fil-proċess ta' konsolidazzjoni fiskali billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għan-negozji u ttejjeb il-kwalità tal-impjiegi. Tinħtieġ kooperazzjoni mtejba fost l-Istati Membri.

– **It-tkabbir tal-porzjon tal-paga li effettivament tidħol fil-bwiet tal-ħaddiema.** Il-benefiċċji mogħtija fil-post tax-xogħol jintużaw minn bosta Stati Membri biex itaffu l-faqar ta' min ikollu impjieg jew biex jinkoraġġixxu lin-nies biex jibdew jaħdmu. Karatteristiki komuni ta' skemi li jżidu mal-qliegħ tal-ħaddiema jinkludu li jkunu mmirati lejn individwi jew unitajiet domestiċi bi qliegħ baxx, u tnaqqis gradwali tagħhom hekk kif il-qligħ jibda jiżdied. Il-paga ogħla li tidħol fil-bwiet tal-ħaddiema tirrappreżenta inċentiv għall-ħaddiema li ma għandhomx wisq ħiliet filwaqt li, għal ċertu livell ta' paga, l-impjegatur jimla iktar faċilment il-pożizzjonijiet vakanti jekk il-pressjoni tal-pagi tkun imtaffija. Iżda fit-tfassil tal-benefiċċji tax-xogħol, għandhom jiġu evitati n-nases tal-pagi baxxi. Jinkisbu effetti pożittivi meta jkun hemm disparitajiet ta' qligħ siknifikanti fl-iżjed livell baxx tad-distribuzjoni tal-qligħ.

– **L-immodernizzar tas-sistemi li jiffissaw il-pagi biex dawn jallinjaw il-pagi ma' żviluppi fil-produttività u jrawmu l-ħolqien tal-impjiegi.** Il-mekkaniżmi li jiffissaw il-pagi biex jiżguraw li t-tkabbir reali fil-pagi jiġi rifless fl-iżviluppi fil-produttività u l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol lokali, huma prekundizzjoni għall-iżgurar li t-tkabbir fil-prodott jkun tradott adegwatement fi tkabbir fid-domanda għall-ħaddiema u fl-aħħar mill-aħħar f’ħolqien ta’ impjiegi. F’konformità mal-prattiki nazzjonali tan-negozjar kollettiv, l-iżviluppi fil-pagi għandhom iqisu l-pożizzjoni kompetittiva tal-Istati Membri. Għalkemm jista’ jkun hemm bżonn ta’ moderazzjoni jew aġġustament fil-pagi f’ċerti setturi jew Stati Membri, żidiet immirati, li jgħinu biex tinżamm id-domanda totali, jistgħu jkunu fattibbli fejn il-pagi jkunu waqgħu lura sinifikattivament meta mqabbla mal-iżviluppi fil-produttività.

1.2. L-isfruttament tal-potenzjal tas-setturi ewlenin għall-ħolqien tal-impjiegi

L-Ewropa tal-lum qed tiffaċċja bidliet strutturali li ġew identifikati fl-Istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari t-tranżizzjoni lejn ekonomija favur l-ambjent, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, it-tixjiħ demografiku tas-soċjetà tagħna u l-bidliet mgħaġġla fit-teknoloġija. Biex tindirizza dawn l-isfidi u tbiddilhom f'opportunitajiet, l-ekonomija tagħna teħtieġ bidla fundamentali f'dawn l-10 snin li ġejjin. It-trasformazzjoni tal-ekonomija fuq dawn il-linji se żżid il-kompetittività u tipprovdi sorsi importanti ta' tkabbir u ta' impjiegi, kif ukoll tkun qed tindirizza l-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali. L-SAT 2012 jidentifika tliet oqsma ewlenin li kull wieħed minnhom joffri potenzjal importanti għall-ħolqien tal-impjiegi.

– **Iż-żieda fl-impjiegi fl-ekonomija ekoloġika kienet pożittiva** tul ir-riċessjoni, u huwa previst li se tkompli bil-qawwa. Is-setturi tal-użu effiċjenti tal-enerġija u tal-enerġija rinovabbli biss jistgħu joħolqu ħames miljun impjieg sal-2020[13]. L-evoluzzjoni tas-swieq għall-prodotti u s-servizzi, il-politika dwar l-R&D u l-innovazzjoni, oqfsa regolatorji ġodda u strumenti bbażati fuq is-swieq se jwasslu l-istrutturi industrijali u ekonomiċi tagħna għal użu iktar effiċjenti tar-riżorsi, u jwasslu għal definizzjoni mill-ġdid ta' ħafna impjiegi kważi fis-setturi kollha. Filwaqt li setturi li jipproduċu ħafna emissjonijiet tal-karbonju se jiffaċċjaw l-isfida ta' tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u li tuża r-riżorsi b'mod effikaċi b'ħafna impjiegi f'dan is-settur ikollhom jinbidlu, se jinħolqu impjiegi f'setturi ekoloġiċi u li jużaw ftit karbonju, u dan jaffettwa b'mod differenti lil territorji diversi. Jekk it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti fil-bidu se tkun ta' benefiċċju għall-ħaddiema b'ħafna ħiliet, is-setturi tal-manifattura u tas-servizzi mtejba u sostenibbli x'aktarx maż-żmien jipprovdu għadd ta' impjiegi għal ħaddiema ta' ħiliet medji, u l-ħaddiema ta' ftit ħiliet u ħaddiema avvanzati fl-età se jkollhom jaddattaw ruħhom. Swieq tax-xogħol ta' sostenn u viżjoni tal-ħtiġijiet f'ħiliet huma essenzjali għas-sostenn u l-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, kif inhu dokumentat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż[14]. Il-maniġment b'suċċess ta' tranżizzjoni daqshekk kbira tirrikjedi l-isforzi konġunti tal-UE u tal-Istati Membri.

– **L-impjiegi fis-setturi tas-saħħa u tal-kura soċjali tal-UE qegħdin jiżdiedu b'rata mgħaġġla** minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni u t-tkabbir tas-servizzi biex jintlaħqu b'mod iżjed effikaċi l-kundizzjonijiet tal-kwalità u biex jissodisfaw id-domanda li dejjem qed tikber għall-kura personalizzata u servizzi soċjali professjonali. Id-daqs u t-tkabbir mgħaġġel ta' dawn is-setturi (id-doppju taż-żidiet ġenerali fl-impjiegi) jagħti ħjiel li dan se jibqa' mutur ewlieni fil-ħolqien ta' impjiegi ġodda fis-snin li ġejjin. Biex dan il-potenzjal ta' ħolqien tal-impjiegi jiġi sfruttat, jeħtieġ li s-setturi jegħlbu għadd ta' sfidi. Dawn jinkludu n-nuqqas li dejjem qed jikber ta' professjonisti fil-qasam tas-saħħa, ħaddiema fis-settur tas-saħħa li qegħdin jikbru fl-età u għadd insuffiċjenti ta' rekluti ġodda biex jieħdu post dawk li qed jirtiraw, l-emerġenza ta'

---

13 Fuq il-bażi ta' mudelli differenti, sal-2020, l-implimentazzjoni ta' miżuri individwali għall-użu effikaċi tal-enerġija tista' twassal għal–ħolqien jew iż-żamma ta' żewġ miljun impjieg ekoloġiku, filwaqt li hu stmat li l-iżvilupp tas-settur tal-enerġija rinnovabbli jista' joħloq tliet miljun impjieg. Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż *L-isfruttament tal-potenzjal fir-rigward tal-impjiegi li joffri t-tkabbir ekoloġiku.*

14 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż *L-isfruttament tal-potenzjal fir-rigward ta' impjiegi li joffri t-tkabbir ekoloġiku.*

xejriet ġodda fil-kura tas-saħħa biex jindirizzaw kundizzjonijiet kroniċi multipli, l-użu li dejjem qed jiżdied tat-teknoloġiji li jirrikjedu taħlitiet ta' ħiliet ġodda, u żbilanċi fil-livelli tal-ħiliet u fl-iskemi tax-xogħol. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ u ż-żamma tal-ħaddiema huma mfixkla minn kundizzjonijiet ta' xogħol impenjattivi kif ukoll minn pagi baxxi li jiżdiedu bil-mod. Iż-żamma ta' provvista u kwalità adegwati ta' servizzi tas-saħħa u soċjali b'baġit li dejjem qed ikun iżjed limitat huwa sfida kemm f'termini soċjali kif ukoll tal-impjiegi, u jinsab dokumentat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż[15]. Barra minn hekk, bħala konsegwenza ta' tibdiliet fl-istruttura tal-familja u dawk demografiċi, u tal-ħtieġa ta' bilanċ aħjar bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja, qegħdin jinħolqu servizzi ġodda li jkopru meded wesgħin ta' attivitajiet u dawn jipprovdu wkoll sors ta' ħolqien ta' impjiegi, iddokumentati ukoll fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż dwar liema tnediet konsultazzjoni pubblika[16].

– **Tibqa' tikber id-domanda għall-professjonisti tat-Teknoloġija tal-Informatika.** L-impjiegi tal-prattikanti tat-Teknoloġija tal-Informatika żdiedu b'madwar 3 % fis-sena, u d-domanda għall-ħaddiema hija ikbar mill-għadd ta' ħaddiema disponibbli. L-iżvilupp u l-użu ta' applikazzjonijiet fit-Teknoloġija tal-Informatika se jsiru kruċjali biex jagħtu spinta lill-kompetittività internazzjonali tan-negozji Ewropej u, permezz ta' hekk, biex jiżdiedu l-impjiegi. Iridu jsiru sforzi kbar fl-edukazzjoni, kif ukoll fil-politiki dwar il-ħiliet tal-ħaddiema, u fl-infrastruttura biex il-kumpaniji u l-ħaddiema Ewropej isiru iżjed litterati u kompetenti fit-Teknoloġija tal-Informatika, kif inhu deskritt fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż[17].

1.3. Jintużaw il-fondi tal-UE għall-ħolqien tal-impjiegi

Il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni (il-FSE, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni) kif ukoll il-FAEŻR u l-FEMS huma sorsi importanti ta' investiment li jistimulaw it-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi. Dawn jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni. Għal bejn l-2014 u l-2020, il-Kummissjoni pproponiet li tallinja mill-qrib dawn l-istrumenti finanzjarji mal-miri ta' Ewropa 2020[18]. Huwa kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jutilizzaw ir-riżorsi disponibbli kemm jista' jkun u bihom biex jiksbu l-aqwa riżultati, sabiex l-Ewropa tkun tista' tiżviluppa u tirrealizza l-potenzjal ekonomiku tagħha, b'żied ta' impjiegi kif ukoll ta' produttività.

Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) barra milli jikkofinanza l-miżuri ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, inklużi s-sussidji biex jiġu impjegati l-ħaddiema, korsijiet ta' taħriġ professjonali u imprenditorjali u skemi ta' mikrofinanzjament, ifassal u jintroduċi l-politiki dwar l-impjieg madwar l-UE. Għall-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020, il-Kummissjoni pproponiet ishma minimi tal-FSE li jirrappreżentaw volum ta' mill-inqas EUR 84 biljun, biex jindirizzaw il-prijoritajiet tal-investiment bħall-aċċess għall-impjieg għal min qed ifittex ix-xogħol u nies

[15] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż, dwar Pjan ta' azzjoni dwar il-forza tax-xogħol fis-settur tas-saħħa tal-UE.

[16] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż *L-Isfruttament tal-potenzjal fir-rigward tal-impjiegi li joffru s-servizzi personali u tal-unitajiet domestiċi.*

[17] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż, l-Isfruttament tal-potenzjal għall-impjiegi li toffri t-Teknoloġija tal-Informatika.

[18] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, Baġit għal Ewropa 2020 – L-ewwel Parti, COM(2011) 500 tad-29 ta' Ġunju 2011.

qiegħda, l-integrazzjoni sostenibbli ta' żgħażagħ li telqu mill-iskola, li huma qiegħda jew li mhux qed isegwu xi taħriġ (NEETs) fis-suq tax-xogħol anki permezz ta' "garanziji għażżgħżagħ", l-impjieg indipendenti, l-intraprenditorija u l-ħolqien tan-negozju, kif ukoll l-investimenti fl-edukazzjoni u fl-inklużjoni soċjali u l-bini tal-kapaċitajiet fl-amministrazzjoni pubblika.

Il-kontribut tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għall-ħolqien tal-impjiegi, bejn l-2014 u l-2020, se jissaħħaħ permezz tal-konċentrazzjoni proposta ta' riżorsi fuq l-iżvilupp u l-innovazzjoni fir-riċerka teknoloġika, fuq żieda fil-kompetittività tal-SMEs u appoġġ għall-bidla għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, inkluża l-promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli u l-użu tal-enerġija b'mod effikaċi. Il-FEŻR se jinvesti wkoll fis-settur tat-Teknoloġija tal-Informatika u se jikkumplementa l-finanzjament tal-FSE fil-promozzjoni tal-impjiegi u fis-sostenn tal-mobbiltà tal-ħaddiema, pereżempju billi jiffinanzja l-infrastruttura tas-servizzi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tal-impjiegi u fis-sostenn tal-impjiegi indipendenti u l-ħolqien tan-negozji. Se jappoġġa wkoll l-investiment fl-infrastruttura marbuta mas-saħħa u dik soċjali.

Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress tipprovdi l-appoġġ għal min jaħdem għal rasu u għall-mikrokumpaniji billi tipprovdi l-garanziji u l-investimenti ffinanzjati għall-intermedjarji tal-mikrofinanza madwar l-UE. Din hija mistennija li ssostni sa EUR 500 miljun ta' mikrokreditu bil-fondi fil-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013, u l-Kummissjoni pproponiet li testendiha għall-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020 biex tindirizza segmenti tas-suq li mhumiex moqdijin biżżejjed u biex iżżid l-aċċess għall-finanzjament għall-impriżi soċjali. Id-disponibbiltà tal-mikrofinanzi hija appoġġata wkoll minn għadd ta' strumenti rotattivi kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jew mill-Fond Soċjali Ewropew.

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG), li l-Kummissjoni wkoll ipproponiet li għandu jkompli fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020, jgħin fil-maniġment tal-proċessi ta' ristrutturazzjoni billi jikkofinanzja t-taħriġ mill-ġdid ta' ħaddiema għal ħiliet ġodda u miżuri ta' tfittxija ta' xogħol għal dawk il-ħaddiema affettwati minn sensji bil-massa minħabba t-tibdil fix-xejriet tal-kummerċ globali.

Il-**Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)** jappoġġa d-diversifikazzjoni tal-impjiegi f'attivitajiet mhux agrikoli u fl-iżvilupp ta' negozji rurali żgħar, inkluż permezz ta' investiment fil-ħiliet, it-trasferiment tal-għarfien u għajnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażagħ.

Il-Fond Ewropew għas-Sajd, li bejn l-2014 u l-2020 għandu jiġi inkorporat **f'Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS)** uniku, jappoġġa t-tranżizzjoni lejn sajd sostenibbli, kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-ekonomiji lokali, inkluż permezz ta' taħriġ u appoġġ għan-negozji ż-żgħar.

IL-ĦOLQIEN TAL-IMPJIEGI
Il-Kummissjoni tipproponi:
– **Sensiela ta' Azzjonijiet Ewlenin għall-Impjiegi għall-Ekonomija Ekoloġika**;
– **Pjan ta' Azzjoni dwar l-Impjiegi fil-qasam tal-Kura tas-Saħħa**;
– **Sensiela ta' Azzjonijiet Ewlenin għall-Impjiegi fit-Teknoloġija tal-Informatika**,

li kull waħda minnhom hija annessa ma' din il-Komunikazzjoni u deskritta f'aktar dettall fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal korrispondenti.

Il-Kummissjoni tniedi:

– konsultazzjoni dwar il-potenzjal għal impjiegi ta' kwalità fis-servizzi personali u tal-familja;
– konsultazzjoni dwar it-twaqqif ta' pjattaforma fil-livell tal-UE bejn spettorati tax-xogħol u korpi oħra ta' infurzar li jaħdmu kontra x-xogħol mhux iddikjarat, bil-mira li tittejjeb il-kooperazzjoni, li jkun hemm skambju tal-aħjar prassi u li jiġu identifikati prinċipji komuni għall-ispezzjonijiet sa tmiem l-2012;

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kunsill biex:

– imexxu 'l quddiem mingħajr dawmien lill-Istrateġija Ewropa 2020, u filwaqt li jibnu fuq l-orjentazzjonijiet politiċi ta' din il-komunikazzjoni, jadottaw approċċ ambizzjuż u politiki favur il-ħolqien tal-impjiegi bħala parti mill-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Impjiegi (fil-Programmi Nazzjonali tagħhom ta' Riforma).

2. INĠEDDU D-DINAMIKA TAS-SWIEQ TAX-XOGĦOL

Is-swieq tax-xogħol jistgħu jkunu dinamiċi biss jekk il-politiki dwar l-impjiegi jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet li jżidu l-produttività u l-kwalità tal-impjiegi, jekk il-forza tax-xogħol ikollha l-ħiliet xierqa, u jekk in-nies ikunu mobbli biżżejjed li jirreaġixxu għax-xejriet ġeografiċi tal-impjiegi li jirrikjedu l-ħaddiema. L-Istrateġija Ewropa 2020 tenfasizza b'mod partikolari r-riforma tas-swieq tax-xogħol, l-iżvilupp tal-kapital uman u l-mobbiltà ġeografika biex il-forza tax-xogħol tal-UE tkun armata aħjar għat-tibdil u biex toffri l-opportunitajiet ta' impjieg.

2.1. Nirriformaw is-swieq tax-xogħol

Il-prinċipji komuni tal-UE ta' flessikurtà għadhom stadju politiku importanti fil-bini ta' swieq tax-xogħol dinamiċi, li jfittxu li jqabbdu sew lill-Istati Membri fit-triq ta' riformi strutturali integrati tas-swieq tax-xogħol. Il-flessikurtà tiġbor għadd ta' politiki tas-suq tax-xogħol (arranġamenti kuntrattwali, miżuri attivi tas-swieq tax-xogħol, it-tagħlim tul il-ħajja, u sistemi ta' ħarsien soċjali), b'mod integrat u konsistenti, biex tagħti spinta kemm lill-flessibbiltà kif ukoll lis-sigurtà, u ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-swieq tax-xogħol għall-proċessi ta' aġġustament ekonomiku.

Matul il-kriżi, għadd ta' Stati Membri wettqu riformi strutturali importanti tas-swieq tax-xogħol, u ħadu miżuri temporanji biex isalvaw l-impjiegi. Iżda jidher ċar li l-progress lejn iżjed flessibbiltà u sigurtà kien moderat u irregolari. Fi sfond ta' diffikultajiet baġitarji, id-dibattitu kurrenti fl-UE dwar il-flessikurtà fil-kuntest tal-inizjattiva ewlenija *Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda* (*An Agenda for New Skills and Jobs*) wasslet għall-identifikazzjoni ta' għadd ta' miżuri meħtieġa biex jgħinu lis-swieq tax-xogħol jaġġustaw b'reazzjoni għall-kriżi u għall-isfidi strutturali fil-kuntest tal-Ewropa 2020[19].

Kull pass ieħor fir-riformi strutturali tas-swieq tax-xogħol għandu jindirizza l-aspetti notevolment dawn li ġejjin:

---

[19] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż, Swieq tax-xogħol miftuħa, dinamiċi u inklużivi.

2.1.1. L-Assikurazzjoni tat-tranżizzjonijiet fis-swieq tax-xogħol u swieq tax-xogħol inklużivi

– **Nużaw il-flessibbiltà interna biex jitnaqqsu l-insikurtà u l-ispejjeż fiskali.** Il-kriżi wriet li fi żminijiet ta' tnaqqis ekonomiku l-flessibbiltà interna tista' tkun effettiva ħafna bħala mezz li jinżammu l-impjiegi u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-aġġustamenti. L-użu ta' kontijiet tal-ħin tax-xogħol jew ta' banek tas-sigħat, arranġamenti ta' ħinijiet tax-xogħol qosra (short-time working arrangements - STWA) u negozjar kollettiv li jiftaħ il-klawżoli dwar xi kundizzjonijiet tax-xogħol, għenu biex salvaw l-impjiegi u l-kompetittività tal-kumpaniji billi evitaw is-sensji jew ipposponewhom. Minkejja li l-STWAs ħafna drabi naqqsu xi ftit jew wisq il-produttività, b'danakollu għenu biex salvaw il-ħiliet, l-impjiegi u l-fiduċja, u b'mod ġenerali swew inqas mill-ispejjeż marbutin mal-benefiċċji tal-qgħad. Iżda minħabba li l-kapaċità fiskali għall-finanzjament ta' dan it-tip ta' skema bħalissa hija mnaqqsa iżjed milli kienet sentejn ilu, id-djalogu soċjali fuq livell ta' kumpaniji u livelli ogħla minn hekk sar għandu rwol iżjed importanti biex jgħin li jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet għall-flessibbiltà interna.

– **Pagi li huma diċenti u sostenibbli u l-evitar tan-nassa tal-pagi baxxi.** Anki qabel ma kien hemm il-kriżi, li wieħed ikollu impjieg mhux dejjem kien garanzija kontra l-faqar, u fl-UE r-rata tan-nies li għalkemm jaħdmu huma foqra għadha ogħla minn 8 %. Ir-riskju tal-faqar minkejja l-impjieg għadu għoli, partikolarment f'pajjiżi fejn id-distribuzzjoni tar-rati tal-pagi mhijiex ekwa u l-paga minima hija baxxa, fost dawk li huma impjegati b'kuntratti temporanji u li jiġu minn unitajiet domestiċi fejn ma hemmx biżżejjed persuni fl-impjieg, jew familji b'ġenitur wieħed[20]. L-istabbiliment ta' pagi minimi f'livelli xierqa jista' jgħin biex jiġi evitat il-faqar, li dejjem qed jiżdied, ta' min ikun impjegat[21], u huwa fattur importanti li jiżgura kwalità tajba ta' impjiegi. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fil-preżent għandhom pagi minimi stabbiliti jew statutorji jew vinkolanti b'xi mod ieħor, jew applikabbli b'mod ġenerali[22]. L-impatt tal-paga minima kemm fuq id-domanda kif ukoll fuq il-provvista jista' jvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor, dan jiddependi kemm fuq il-livell li jkun ġie ffissat kif ukoll fuq politiki u istituzzjonijiet oħra tas-swieq tax-xogħol. Il-pagi bażiċi għandhom ikunu jistgħu jiġu aġġustati b'mod suffiċjenti, bl-involviment tal-imsieħba soċjali biex jirriflettu l-iżviluppi ekonomiċi ġenerali. Il-pagi minimi differenzjati, kif inhuma diġà applikati f'ħafna Stati Membri, jistgħu, f'dan il-kuntest, ikunu mezz effettiv li jżomm d-domanda għall-ħaddiema f'livell tajjeb.

– **Niżguraw li t-tranżizzjonijiet jagħtu frott.** Il-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol tirrikjedi s-sigurtà fit-tranżizzjonijiet fl-impjiegi. Karriera tul il-ħajja li tkun karatterizzata minn għadd ta' tibdiliet ta' xogħol, kultant 'il fuq, iżda wkoll orizzontali u anki 'l isfel, illum il-ġurnata hija realtà għal ħafna ħaddiema, u b'mod partikolari għall-ħaddiema żgħażagħ. Il-kwalità tat-tranżizzjonijiet tiddetermina l-kwalità tal-karriera ta' ħaddiem. Is-sigurtà matul il-karriera, anki waqt it-tranżizzjonijiet minn status għal ieħor fis-suq tax-xogħol (pereżempju mit-taħriġ għall-impjieg, mil-liv tal-maternità għall-impjieg, tranżizzjonijiet lejn ix-xogħol indipendenti u l-intraprenditorija, eċċ.), hija essenzjali biex tipprovdi l-mezzi meħtieġa mill-individwi

---

[20] L-Impjieg u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa 2011; Ix-xogħol huwa biżżejjed biex wieħed ma jkunx fqir? Mekkaniżmi u politika dwar il-faqar ta' dawk li għandhom impjieg fl-UE

[21] OECD, ninsabu f'qagħda ta' diviżjoni: għaliex qed tkompli tiżdied l-inugwaljanza, 2011

[22] http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/Minimum_wage_statistics. Il-livelli tal-pagi minimi huma bejn it-30 % u l-50 % tal-qligħ medju gross ta' kull xahar.

biex iżommu l-impjegabbiltà tagħhom u jieħdu riżultati tajbin mit-tranżizzjonijiet. Ċerti oqsma tistħoqqilhom attenzjoni partikolari: it-tranżizzjoni taż-**żgħażagħ** mill-edukazzjoni għax-xogħol fejn hemm evidenza li turi li l-apprendistati u skemi ta' taħriġ jistgħu jkunu mezzi tajbin bħala ċavetta għad-dinja tax-xogħol, iżda hemm ukoll eżempji ripetuti ta' skemi ta' taħriġ li qegħdin jintużaw ħażin, l-integrazzjoni tan-**nisa** fis-suq tax-xogħol, billi jingħataw pagi ndaqs, faċilitajiet xierqa għall-kura tat-tfal, titwarrbu kull diskriminazzjoni[23] u d-diżinċentiv tal-benefiċċji għat-taxxa, li jiskoraġġixxu l-parteċipazzjoni tan-nisa, u t-titwil kemm jista' jkun tal-liv tal-maternità u tal-ġenituri, u tranżizzjonijiet ta' ħaddiema li huma **avvanzati fl-età** fil-kuntest tal-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjoni u t-titwil tas-snin ta' xogħol, li jirrikjedu miżuri komprensivi, bħalma huma l-inċentivi tal-benefiċċji għat-taxxa, aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja permezz ta' gwidi għall-karriera u taħriġ, arranġamenti ta' ħinijiet flessibbli ta' xogħol għal min ikollu bżonn, u postijiet tax-xogħol sikuri u fejn m'hemmx theddid għas-saħħa tal-ħaddiema.

– **Responsabbiltajiet reċiproki għall-appoġġ tat-tranżizzjonijiet mill-qgħad għall-impjieg.** Il-livelli għoljin kurrenti ta' qgħad jirrikjedu li l-iskemi tal-benefiċċji tal-qgħad li jagħtu sostenn fit-tranżizzjoni mill-qgħad lura għax-xogħol, għandhom ikunu adattabbli biżżejjed biex jistimolaw ritorn bla dewmien lejn l-impjieg sostenibbli. Matul il-kriżi l-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad ġiet estiża f'ċerti każijiet, biex tinkludu ċerti gruppi li qabel ma kinux imħarsa, b'mod partikolari l-ħaddiema temporanji, u kien hemm estensjoni tad-drittijiet f'sitwazzjonijiet oħra. B'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni baġitarja mwegħra f'ħafna mill-Istati Membri, huwa essenzjali li dawn jinżammu sakemm il-kriżi jibqa' jkollha impatt. Fejn ma hemmx ħafna domanda għall-ħaddiema, it-tneħħija tal-benefiċċji tista' żżid ir-riskju tal-faqar mingħajr ma żżid l-għadd ta' nies qiegħda li jagħmlu t-tranżizzjoni lejn l-impjieg. Il-miżuri ta' attivazzjoni għandu jkollhom għan doppju li jżommu l-inċentivi biex il-qiegħda jidħlu fix-xogħol filwaqt li jiżguraw introjtu, billi jipprovdu l-għajnuna personalizzata għat-tiftix ta' xogħol u jħarsu lin-nies qiegħda mill-periklu tal-faqar.

– **Niżguraw arranġamenti kuntrattwali xierqa biex tiġi evitata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol.** Id-drittijiet assoċjati mal-arranġamenti kuntrattwali huma fattur ieħor li jagħmel il-kwalità tat-tranżizzjonijiet fraġili. Il-provi juru li l-biċċa l-kbira tal-impjiegi maħluqa f'dawn l-aħħar snin (anki qabel il-kriżi) kienu bbażati fuq kuntratti temporanji u forom irregolari oħrajn ta' impjieg[24]. Dan żied il-fluwidità tas-suq tax-xogħol u ppermetta lill-kumpaniji li jaddattaw lill-ħaddiema għal forom ġodda ta' produzzjoni u organizzazzjoni ta' xogħol. Żewġ Direttivi stabbilixxew[25] ix-xogħol part-time u x-xogħol għal terminu ta' żmien fiss fuq il-bażi tal-prinċipju tat-trattament ugwali, filwaqt li Direttiva[26] iżjed riċenti tfittex li tirregola x-xogħol ta' aġenti temporanji b'mod simili. Preferenza ċara tal-impjegaturi għal dan it-tip ta' relazzjoni kuntrattwali hija minħabba l-ispejjeż ħafna ogħla ta' flus li jitħallsu lill-impjegati b'kuntratti mingħajr żmien fiss/regolari meta jagħlaq il-kuntratt tagħhom.

---

23 Permezz tal-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol

24 http://ec.europa.eu/eures/home.jspLabour market and social trends.

25 Id-Direttiva 97/81/KE dwar ix-xogħol part-time, id-Direttiva tal-Kunsill 99/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar xogħol għal żmien fiss

26 Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija

Barra minn hekk, f'ħafna każi dawn l-impjiegi ma jservux ta' tarġa li twassal għal forom ta' xogħol aktar permanenti. Għaldaqstant jinħtieġu riformi meqjusa u bbilanċjati fil-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-impjiegi biex tissewwa s-segmentazzjoni jew biex jintemm l-użu eċċessiv ta' kuntratti mhux regolari u l-abbuż ta' xogħol indipendenti falz. B'mod iżjed ġenerali, kull tip ta' arranġament kuntrattwali għandu jagħti l-aċċess għal nukleu ta' drittijiet (inklużi drittijiet tal-pensjoni) u inklużi l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, għall-ħarsien soċjali, u għall-ħarsien finanzjarju f'każ ta' sensja mingħajr ħtija, lill-impjegati minn meta jiġi ffirmat il-kuntratt.

– **Nantiċipaw ir-ristrutturar ekonomiku.** Minkejja kundizzjonijiet tas-suq avversi, ħafna kumpaniji fl-UE u l-forzi tax-xogħol tagħhom, fil-parti l-kbira, wettqu proċessi kreattivi ta' ristrutturar li kienu kostruttivi, effettivi u strumentali biex jillimitaw it-telf ta' impjiegi, permezz ta' arranġamenti innovattivi, spiss bl-appoġġ tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-UE. Tabilħaqq, tul dawn l-aħħar sentejn kien hemm domanda qawwija biex jitfaslu miżuri biex jappoġġaw l-allokazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi bejn il-kumpaniji u l-impjiegi. Dawn il-miżuri jinkludu bidliet fil-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-impjiegi u l-prattiki kummerċjali marbutin mar-ristrutturar korporattiv, kif ukoll taħriġ xieraq u politiki ta' attivazzjoni li, flimkien ma' sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad imfasslin tajjeb, jgħinu lill-ħaddiema li jisfaw bla impjieg biex isibu impjiegi u professjonijiet oħra. Il-Kummissjoni se tkompli tibni fuq ir-reazzjoni għall-Green Paper tagħha dwar ir-ristrutturar[27] biex ixxerred l-aħjar prassi u tiżgura segwitu xieraq).

– **Niżviluppaw it-tagħlim tul il-ħajja bħala mezz ta' sigurtà fl-impjieg.** L-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, kemm f'sitwazzjonijiet ta' impjieg kif ukoll ta' qgħad, huwa essenzjali biex tinżamm l-impjegabbiltà. F'dan ir-rigward, l-impenn tal-impjegatur li jħarreġ lill-forza tax-xogħol tiegħu, b'mod partikolari lill-ħaddiema bi ftit ħiliet u dawk li huma relattivament anzjani, huwa essenzjali. Għan-nies qiegħda, partikolarment dawk ta' ftit ħiliet u l-gruppi vulnerabbli, huma essenzjali l-gwida għall-karriera individwalizzata u t-taħriġ f'ħiliet li huma rilevanti għas-suq. Iżda teknoloġiji ġodda flimkien mal-globalizzazzjoni naqqsu dejjem iżjed ix-xogħol li jirrikjedi ħiliet ta' livell medju, u dan qajjem il-ħtieġa għal politiki dwar it-tagħlim mill-ġdid ta' ħiliet ġodda għall-ħaddiema b'ħiliet ta' livell medju. Ir-riċessjoni għaġġlet il-polarizzazzjoni fl-impjiegi (billi eliminat l-impjiegi li jirrikjedu ħiliet medji), bir-riskju li l-qasma bejn impjiegi ta' kwalità baxxa u dawk ta' kwalità għolja dejjem tikber, u b'hekk ġew limitati l-opportunitajiet għall-mobbiltà fil-karrieri, u dan irid jiġi indirizzat.

– **Noffru l-opportunitajiet liż-żgħażagħ.** L-iżjed li qegħdin ibatu minħabba l-kriżi ekonomika u l-problemi strutturali tas-suq tax-xogħol huma ż-żgħażagħ Ewropej, kif ġie stabbilit reċentement fl-Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ[28]. Il-Kummissjoni tikkonferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tindirizza l-livelli drammatiċi ta' qgħad taż-żgħażagħ, anki billi timmobilizza l-finanzjament tal-UE disponibbli[29].

---

[27] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ristrutturazzjoni u antiċipazzjoni tal-bidla: X'tgħallimna mill-esperjenza reċenti?" COM(2012) 7 tas-17 ta' Jannar 2012.

[28] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ COM(2011) 933, tal-20 ta' Diċembru 2011.

[29] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż, *L-Implimentazzjoni tal-Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ: l-ewwel passi li ttieħdu* jippreżenta rapport interim ta' miżuri li ttieħdu riċentement mill-

Bi tweġiba għal sejħa tal-Kunsill Ewropew[30], l-appoġġ tat-tranżizzjoni għax-xogħol, pereżempju permezz ta' garanziji għaż-żgħażagħ, miżuri ta' attivazzjoni mmirati lejn iż-żgħażagħ, il-kwalità tal-iskemi tat-taħriġ[31], u l-mobbiltà taż-żgħażagħ għandhom ikunu prijoritizzati.

2.1.2. Nimmobilizzaw l-atturi kollha għal implimentazzjoni aħjar

– **Nirrinfurzaw id-djalogu soċjali.** Is-suċċess tal-politiki dwar l-impjiegi jiddependi b'mod kruċjali fuq li jkun hemm kunsens dwar ir-riformi. F'ħafna każi, ir-responsabbiltà tat-tfassil u l-implimentazzjoni ma tkunx f'idejn il-gvernijiet waħedhom, iżda tkun ukoll f'idejn l-imsieħba soċjali. Karatteristika komuni tal-pajjiżi fejn is-swieq tax-xogħol kienu l-iżjed reżiljenti għall-kriżi hija l-importanza li tingħata lid-djalogu soċjali. Fl-ewwel fażi tal-kriżi, il-kontribut tal-imsieħba soċjali fl-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet interni tal-flessikurtà kien fundamentali biex itaffi x-xokk li kkawżat ir-riċessjoni. Huwa essenzjali li tiġi stabbilita strateġija ta' riformi komuni li jlestu l-kundizzjonijiet għal ħolqien sostenibbli ta' impjiegi ta' kwalità fil-ġejjieni, u fejn l-imsieħba soċjali jkollhom rwol attiv fil-livelli kollha fit-tħejija u fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. F'għadd dejjem jikber ta' kumpaniji, dan il-kontribut ħa s-sura ta' ftehimiet transnazzjonali bejn il-kumpaniji, li permezz tagħhom jingħataw reazzjonijiet li jkun sar qbil dwarhom, f'livell Ewropew, għall-isfidi kkawżati mill-kriżi, u jitwaqqfu l-mekkaniżmi li jindirizzaw it-tibdil. Il-ftehimiet transnazzjonali bejn il-kumpaniji diġà jkopru aktar minn 10 miljun impjegat; jeħtieġ li r-rwol tagħhom ikun iżjed rikonoxxut u appoġġat.

– **Niddefinixxu mill-ġdid is-servizzi ewlenin u ċentrali tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (SPI).** L-SPI huma l-implimentaturi ewlenin tal-politiki ta' attivazzjoni li jgħinu fit-tmexxija bla intoppi tat-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol. Biex iwettqu xogħolhom b'mod komprensiv, l-SPI jridu jinbidlu f'"aġenziji tal-ġestjoni tat-tranżizzjoni" billi jipproduċu taħlita ġdida tal-funzjonijiet "attivi" u "passivi" li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet sostenibbli tul il-karriera tal-ħaddiema. Il-komponenti ewlenin għandhom ikunu l-aktar l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol, miżuri tas-suq tax-xogħol attivi u preventattivi kif ukoll appoġġ għall-impjegabbiltà minn stadju bikri, it-twassil ta' servizzi individwalizzati, l-użu tas-servizzi elettroniċi u l-iżvilupp ta' sħubiji b'saħħithom, b'mod partikolari ma' servizzi oħra tal-impjiegi, anki fi Stati Membri oħra.

– **Niġbru r-riżorsi tagħna flimkien u niffukaw fuq sħubiji effettivi.** Fi żminijiet meta l-fondi għall-investiment huma skarsi, il-ġbir flimkien tar-riżorsi finanzjarji u materjali huwa essenzjali daqs il-ġbir tal-atturi għal għan komuni. Eżempju wieħed jista' jkun il-ġbir tar-riżorsi minn gruppi ta' impjegaturi. Billi jingħaqdu flimkien fuq il-bażi ta' ħtiġijiet simili ta' reklutaġġ u taħriġ, gruppi ta' SMEs jistgħu jegħlbu l-inkapaċità individwali tagħhom li jiġbdu l-persunal ikkwalifikat u jistabbilixxu politiki konġunti dwar ir-riżorsi umani. Is-sħubiji fil-livell xieraq territorjali jistgħu jgħinu lit-tranżizzjonijiet jirnexxu billi jinkludu servizzi tal-impjiegi tas-setturi pubbliċi, privati u tat-tielet settur, tal-organizzazzjonijiet tas-sigurtà soċjali, tal-

---

Istati Membri biex jikkumbattu l-qgħad taż-żgħażagħ. Fi Frar 2012, gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni għamlu żjarat fit-tmien Stati Membr li għandhom l-ogħla rati ta' qgħad taż-żgħażagħ. Ir-riżultati ta' dawn il-missjonijiet se jiġu integrati fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

30 L-istqarrija tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012.

31 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż, *Qafas ta' Kwalità għall-Iskemi ta' Taħriġ*.

muniċipji u tal-gvernijiet reġjonali, ta' dawk li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ, tal-NGOs, tal-istituzzjonijiet tal-assistenza soċjali eċċ. Il-kompożizzjoni tas-sħubiji għandha tiġi ddeterminata skont il-komplementarjetajiet tal-forniment tas-servizz, kif ukoll skont l-allokazzjoni kosteffikaċi tar-riżorsi.

IR-RIFORMI TAS-SWIEQ TAX-XOGĦOL

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kunsill biex:

– Mingħajr dewmien imexxu 'l quddiem l-Istrateġija Ewropa 2020 u, billi jibnu fuq l-orjentazzjonijiet politiċi ta' din il-komunikazzjoni, jadottaw approċċ ambizzjuż u politiki għal riformi tas-swieq tax-xogħol bħala parti mill-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Impjiegi (Il-Programmi ta' Riforma Nazzjonali).

Il-Kummissjoni se:

– Tressaq proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità għall-Iskemi tat-Taħriġ sa tmiem l-2012, fuq il-bbażi ta' konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni[32];

– Tressaq proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Garanziji għaż-Żgħażagħ sal-aħħar tal-2012 u tappoġġa l-miżuri ta' attivazzjoni mmirati lejn iż-żgħażagħ fil-kuntest tal-Iskemi ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ.

– Tiżviluppa aktar azzjoni biex ixxerred l-prassi tajba u tippromwovi d-diskussjoni dwar il-Ftehimiet Transnazzjonali bejn il-Kumpaniji.

– Sa tmiem l-2012 telabora, flimkien man-netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi pjan ta' azzjoni Ewropew għat-twassil ta' servizzi rilevanti u effettivi tal-impjiegi fil-prattika u l-implimentazzjoni reali tagħhom f'termini tal-mudelli, l-għanijiet u l-kompiti tal-SPI fid-dawl tal-miri ta' Ewropa 2020;

– Tfassal forom ġodda ta' impjieg, bħall-ġbir tar-riżorsi bejn min iħaddem, u tirrapporta dwar prijoritajiet komuni għal reazzjonijiet politiċi korrispondenti biex tappoġġa azzjonijiet li jirrendu lill-organizzazzjonijiet iżjed aġili u kapaċi jirrispondu għall-isfidi filwaqt li jagħtu spinta 'l quddiem liż-żamma fit-tul tal-impjiegi u lill-ħolqien tal-impjiegi.

2.2. Ninvestu fil-ħiliet

L-Osservatur tal-Postijiet Vakanti tal-UE jindika li l-ħiliet ta' livell għoli għadhom importanti, anki minħabba għadd dejjem jikber ta' postijiet ta' impjieg vojta li għalihom ma hemmx il-ħiliet rilevanti disponibbli[33]. Il-ħtiġijiet tal-ħiliet fis-swieq tax-xogħol tal-UE jridu jiġu antiċipati, u n-nuqqasijiet ta' qbil magħhom iridu jiġu indirizzati malajr. Huwa meħtieġ li l-ħaddiema jingħataw il-ħiliet meħtieġa għall-impjiegi biex ikun jista' jsir ħolqien tal-impjiegi. L-Ewropa u l-Istati Membri tagħha jridu jifhmu biċ-ċar x'inhuma l-ħtiġijiet biex ikunu jistgħu jantiċipaw aħjar it-tibdil ekonomiku u jindirizzaw in-nuqqas ta' tlaqqigħ bejn il-ħiliet u l-impjiegi. Minkejja l-livelli għolja ta' qgħad, in-nuqqasijiet ta' ħiliet ġew identifikati f'setturi u/jew reġjuni speċifiċi. In-nuqqas ta' qbil bejn il-ħiliet disponibbli u l-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol jikkonċernaw lill-Istati Membri kollha, iżda ma jaffettwawhomx bl-istess mod. Biex jindirizzaw dawn l-isfidi, bosta pajjiżi bdew it-twaqqif ta' strateġiji u għodda nazzjonali biex jindirizzaw dan in-nuqqas ta' tlaqqigħ bejn il-ħiliet u l-impjiegi. F'livell Ewropew, inbeda t-

[32] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż *Qafas ta' Kwalità għall-Iskemi ta' Taħriġ*

[33] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012, abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjieg, COM(2011) 815, il-kurva ta' Beveridge curve paġna 7.

twaqqif ta' għadd ta' azzjonijiet u strumenti mħabbra fl-inizjattiva ewlenija ta’ Ewropa 2020 "Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda". Madwar l-UE, il-Fond Soċjali Ewropew huwa sors ewlieni ta' investimenti fil-ħiliet, bi EUR 30 biljun mill-FSE ipprogrammati għall-ħiliet u għat-tagħlim tul il-ħajja fil-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013.

2.2.1. Nimmonitorjaw aħjar il-ħiliet meħtieġa

Għadd ta' strumenti tal-UE ġew żviluppati biex jipprevedu u jantiċipaw il-ħiliet meħtieġa: L-Osservatur tal-Postijiet Vakanti fl-Ewropa jipprovdi t-tagħrif dwar postijiet vakanti u tensjonijiet fi żmien qasir fis-suq tax-xogħol, filwaqt li s-Cedefop żviluppa b'mod regolari l-previżjonijiet fuq medda twila ta' żmien u min-naħa tiegħu l-Eurofound jipprovdi t-tagħrif essenzjali mill-istħarriġ tal-impjegaturi u tal-ħaddiema dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, element wieħed min-nuqqas ta' tlaqqigħ bejn l-impjiegi u l-ħiliet. Dan l-aħħar il-Kummissjoni appoġġat ukoll it-twaqqif ta' Kunsilli Ewropej dwar Ħiliet marbuta mas-Setturi, biex tikseb għarfien aktar dettaljat tal-ħtiġijiet fil-livell settorjali.

Iżda l-Ewropa għad ma għandhiex perspettiva komprensiva tal-ħiliet li teħtieġ. Il-Panorama tal-Ħiliet tal-UE, li se tinbeda sal-aħħar tal-2012, hija l-ewwel pass lejn il-konverġenza tal-għodod kollha eżistenti ta' antiċipazzjoni. Il-Panorama se tipprovdi perspettiva ġenerali unika tas-sejbiet Ewropej, nazzjonali u settorjali, dwar il-prospetti fi żmien qasir sa dak medju, tal-ħtiġijiet ta' impjiegi u ħiliet hekk kif jevolvu sal-2020. Il-Panorama se tgħin fl-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet ta' ħiliet emerġenti f'impjiegi speċifiċi transettorjali jew fis-setturi. Hija se tkun riżorsa għall-osservatorji tal-ħiliet f'livelli nazzjonali, reġjonali jew settorjali u għall-professjonisti tal-edukazzjoni u fl-għoti ta’ gwida fil-karriera, kif ukoll konsulenti dwar l-impjiegi u s-servizzi. Il-kooperazzjoni fost il-korpi tal-UE li jwettqu l-previżjonijiet u l-istħarriġ, bħall-Eurofound u s-Cedefop se tittejjeb ukoll. Billi jiffokaw l-analiżi tagħhom b'mod aktar sistematiku fuq kull pajjiż, huma jżidu l-fehim tal-iżviluppi nazzjonali u jinformaw l-aġenda tar-riforma strutturali ta’ Ewropa 2020. Il-konverġenza tal-għodod u l-istrumenti se tibqa’ l-aqwa prijorità biex tindirizza b'mod iżjed effikaċi l-ħtiġijiet għall-ħiliet.

2.2.2. Nirrikonoxxu aħjar il-ħiliet u l-kwalifiki

Għodda tal-UE bħall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) jew is-CV Europass ġiet stabbilita biex tgħin lil dawk li jiċċaqilqu minn istituzzjoni edukattiva għal oħra, minn kumpanija għal oħra, minn settur jew pajjiż għal ieħor madwar l-Ewropa u tiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u l-kwalifiki. Fuq il-bażi tal-iżviluppi tal-QEK, trid tiġi inkluża referenza għal-livell Ewropew tal-kwalifiki fil-kwalifiki individwali kollha fl-Ewropa. Il-qafas nazzjonali tal-kwalifiki għandu jinfetaħ ukoll għall-kwalifiki mogħtija fil-livell tas-settur ekonomiku. Is-CV Europass se tkun ikkomplementata b’Passaport tal-Ħiliet, li jkun fih deskrizzjoni ġenerali tal-ħiliet ta' persuna, indipendentement minn kif ġew żviluppati dawn il-ħiliet.

2.2.3. Sinerġija aħjar bejn id-dinja tal-edukazzjoni u dik tax-xogħol

Kooperazzjoni mill-qrib bejn id-dinja tal-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol, kemm f'livell politiku kif ukoll f'livell ta' ħidma, hija essenzjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tlaqqigħ bejn il-ħiliet u l-impjiegi. F'livell politiku, hija meħtieġa l-kooperazzjoni bejn il-korpi rilevanti tal-Kunsill (EPSCO u EYC) permezz tal-Kumitati (EMCO, Il-Kumitat dwar l-Edukazzjoni) biex jiġi żgurat it-tfassil ta' politiki li jagħtu frott.

F'livell operazzjonali, jinħtieġu sinerġiji biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol. Mod kif nistgħu nimxu 'l quddiem huwa permezz ta' studji tul ċikli ta'

żmien qasir fil-livelli terzjarji li jkunu mmirati partikolarment lejn dawk il-ħiliet li huma meħtieġa f'setturi fejn ġew identifikati nuqqasijiet ta' ħiliet.

Barra minn hekk, l-Alleanzi tal-Għarfien diġà qed jibnu kooperazzjoni aktar strutturata bejn l-universitajiet u l-kumpaniji, u qed joħolqu kurrikuli ġodda li jippromwovu l-intraprenditorija, is-soluzzjoni tal-problemi u l-ħsieb kreattiv. L-alleanzi bejn id-dinja tal-edukazzjoni u l-kumpaniji fuq livell tal-UE għandhom jespandu biex jinkludu l-fornituri tal-edukazzjoni vokazzjonali u tat-taħriġ biex jittraduċu l-analiżi tal-Kunsilli dwar il-Ħiliet marbutin mas-Setturi f'kurrikuli u metodi ta' taħriġ prattiċi.

Il-klassifikazzjoni multilingwi Ewropea tal-Ħiliet, il-Kompetenzi u l-Impjiegi (Skills, Competences and Occupations) (ESCO) li fil-preżent qed tiġi żviluppata, għandha tgħin ukoll biex tippromwovi l-kooperazzjoni bejn is-swieq tax-xogħol u s-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ billi din torbot il-ħiliet u l-kompetenzi mal-impjiegi. Barra minn hekk, ir-rabta bejn l-għodda tal-ħiliet bħalma huma s-CV Ewropea u l-passaporti tal-ħiliet, inkluż il-Passaport Ewropew tal-Ħiliet, se jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet lejn is-swieq tax-xogħol u fihom stess.

Dawn l-għodod u l-miżuri għandhom ikunu akkumpanjati minn sforzi għall-immodernizzar tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, b'żieda tal-kwantità, il-kwalità u r-rilevanza tal-provvista tal-ħiliet. Il-Kummissjoni se tippreżenta inizjattiva fit-tieni nofs tal-2012 biex tuża l-edukazzjoni u t-taħriġ biex tiġġenera t-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività.

NINVESTU FIL-ĦILIET

Sabiex tindirizza n-nuqqasijiet ta' tlaqqigħ bejn ħiliet u impjiegi fl-UE u ttejjeb l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet ta' ħiliet, il-Kummissjoni se:

– Tfittex, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-imsieħba soċjali, li s-Cedefop u l-Eurofound jikkomplementaw l-għarfien tagħhom f'livelli tal-UE u settorjali, b'għarfien aktar sod speċifiku għall-pajjiżi, u li tiġi rinfurzata l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet;
– tniedi Panorama tal-Ħiliet fl-UE, ibbażata notevolment fuq l-Osservatur tal-Postijiet Vakanti fl-Ewropa sal-aħħar tal-2012;
– tibda fażi ġdida fir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-ħiliet bi gwida għal indikazzjoni sistematika ta' livelli tal-Qafas Ewropew ta' Kwalifiki fil-kwalifiki ġodda kollha li se jinħolqu fl-UE, u komplementarjetajiet aktar sodi mal-Qafas tal-Kwalifiki għall-Edukazzjoni Għolja;
– mill-2013 'il quddiem tiżgura li mill-inqas kwart mill-kwalifiki li jinħarġu ta' kull sena jkollhom referenza għal-livell Ewropew tal-kwalifiki li jilħqu;
– tniedi l-Passaport Ewropew tal-Ħiliet sa tmiem l-2012;
– tappoġġa t-twaqqif ta' netwerk ta' rappreżentanti mis-setturi tal-impjiegi u tal-edukazzjoni biex jappoġġaw il-governanza tal-ħiliet.

2.3. Lejn suq tax-xogħol Ewropew

Il-maġġoranza tas-swieq tax-xogħol Ewropej huma karatterizzati minn koeżistenza ta' livelli persistentement għolja ta' qgħad f'ħafna oqsma u postijiet vakanti li għalihom hemm nuqqas

ta' ħaddiema, f'reġjuni jew setturi li qegħdin jikbru ħafna[34]. In-nuqqasijiet ta' tlaqqigħ strutturali bejn il-provvista ta' ħaddiema u d-domanda għalihom huma komuni. Kif kien enfasizzat fl-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir tal-2012[35] il-mobbiltà tal-ħaddiema madwar l-Ewropa għandha rata baxxa wisq[36] meta mqabbla mad-daqs ġenerali tas-swieq tax-xogħol tal-UE u l-popolazzjonijiet attivi korrispondenti, bir-riżultat li dan ifixkel l-aġġustamenti fl-allokazzjoni ta' riżorsi li jistgħu jsostnu t-tkabbir ekonomiku u ż-żidiet fl-impjiegi. It-tisħiħ tal-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol Ewropew u l-assigurazzjoni ta' tlaqqigħ effettiv bejn id-domanda u l-provvista tal-ħaddiema huma kruċjali biex l-opportunitajiet kollha ta' impjieg jiġu sfruttati. F'dan ir-rigward, il-mobbiltà ma tfissirx biss li l-ħaddiema jmorru fejn hemm l-impjiegi, jew li jkollhom aċċess għal impjiegi aħjar; iżda hija assoċjata wkoll ma' titjib fil-ħiliet ġeneriċi u okkupazzjonali u żżid l-adattabbiltà u l-impjegabbiltà.

2.3.1. Inneħħu x-xkiel legali u prattiku għall-moviment ħieles tal-ħaddiema

Għad hemm tfixkil kbir għall-mobbiltà tal-ħaddiema fl-UE. Xi diffikultajiet huma kulturali, bħalma huma l-lingwi jew l-alloġġament jew id-diskriminazzjoni, u dawn għandhom għeruq fil-fond fis-soċjetà u huma diffiċli li jintgħelbu f'terminu ta' żmien qasir. Mill-parti tiegħu, it-tfixkil minħabba l-lingwi jista' jintgħeleb bil-finanzjament ta' skemi ta' taħriġ immirati fuq il-lingwi barranin għall-ħaddiema mobbli. Dan jeħtieġ azzjoni biex joħloq attitudnijiet aktar miftuħa lejn l-opportunitajiet kollha li toffri l-mobbiltà madwar l-Ewropa. B'danakollu, il-ħaddiema li jkunu lesti li jaħdmu u jgħixu barra jiffaċċjaw diffikultajiet oħra[37] li huma marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet li jingħataw skont il-liġi tal-UE u appoġġ inadegwat għall-mobbiltà ġeografika fl-UE. Minkejja li hemm "aquis" leġiżlattiv wiesa'[38], iċ-ċittadini Ewropej għadhom jiffaċċjaw tfixkil amministrattiv u prattiku meta jaqsmu l-fruntieri:

– F'disa' Stati Membri għad hemm fis-seħħ ir-**restrizzjonijiet fuq l-aċċess ħieles għas-suq tax-xogħol għall-ħaddiema mill-Bulgarija u mir-Rumanija**, minkejja l-impatt pożittiv ġenerali li kellha l-mobbiltà tal-ħaddiema minn dawn il-pajjiżi fuq l-ekonomija ta' dawk il-pajjiżi li rċivewhom[39]. Filwaqt li tirrikonoxxi d-dritt tal-Istati Membri li japplikaw dawn ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq tax-xogħol sal-31 ta' Diċembru 2013 skont it-Trattat tal-Adeżjoni, il-Kummissjoni ttenni l-importanza ta' tħejjija ftit ftit għall-applikazzjoni sħiħa tal-liġi tal-UE dwar il-moviment ħieles għall-ħaddiema Bulgari u Rumeni.

– **Ir-restrizzjoni għall-aċċess għal ċerti pożizzjonijiet fis-servizz pubbliku** lil nies ta' nazzjonalità tal-pajjiż skont l-Artikolu 45(4) tat-TFUE. Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja konsistentement saħqet li din l-eċċezzjoni għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv u tkopri biss pożizzjonijiet li jinvolvu parteċipazzjoni diretta jew indiretta fl-eżerċizzju ta' poteri mogħtija mil-liġi pubblika u kompiti maħsuba biex

[34] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Rapport Annwali tat-Tkabbir 2012, abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, COM(2011) 815 tat-23 ta' Novembru 2011

[35] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Stħarriġ Annwali tat-Tkabbir 2012, COM (2011) 815 tat-23 ta' Novembru, 2011.

[36] Fl-2010, kien hemm biss 2,8 % tal-popolazzjoni Ewropea tal-età tax-xogħol (15-64) jgħixu fi Stat Membru mhux ta' twelidhom (Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE)

[37] Ġunju 2010 Ewrobarometru Speċjali dwar "Geographical and labour market mobility"

[38] Il-libertà li wieħed ifittex l-impjieg fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE hija rikonoxxuta wkoll fl-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

[39] Rapport dwar il-Funzjonament tal-Arranġamenti Tranżitorji dwar il-Moviment Ħieles tal-Ħaddiema mill-Bulgarija u r-Rumanija, COM(2011) 729 tal-11 ta' Novembru 2011

jissalvagwardjaw l-interessi ġenerali tal-Istat jew ta' awtoritajiet pubbliċi oħra[40]. Dawn il-kriterji għandhom jiġu evalwati f'kull każ għalih.

– **In-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali** għadu problema reali għall-funzjonament effikaċi tas-Suq Uniku u b'mod partikolari għall-moviment ħieles u l-mobbiltà tal-ħaddiema. Fid-19 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni adottat proposta għall-modernizzazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali[41] biex b'hekk tadattaha għal swieq tax-xogħol li qed jevolvu. Il-proposta tintroduċi Karta Professjonali Ewropea għall-professjonisti li jiċċaqilqu spiss u tipprovdi aċċess aħjar għas-servizzi tal-informazzjoni tal-gvern elettroniku.

– **Il-biża' tat-telf ta' drittijiet marbutin mas-sigurtà soċjali u mal-pensjoni** għadu problema ewlenija għall-ħaddiema u dawk li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol u li jkunu qegħdin jikkunsidraw li jmorru f'pajjiż Ewropew ieħor. Aspett maġġuri huwa d-dritt ta' min qed ifittex ix-xogħol fi Stat Membru ieħor li jżomm l-intitolament għall-benefiċċji tal-qgħad għal aktar minn tliet xhur. Minkejja li l-liġi tal-UE tagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li jestendu d-dritt għal dan l-intitolament għall-massimu ta' sitt xhur, dan id-dritt għadu mhuwiex assigurat mill-prattiki nazzjonali rispettivi.

– Barra minn hekk, ħafna ħaddiema mobbli għadhom ma jafux x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Il-Kummissjoni ttenni l-ħtieġa li tkun iggarantita l-applikazzjoni korretta tar-Regolamenti[42] dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, billi dawn jagħmlu enfasi partikolari fuq l-obbligi tal-Istati Membri li jipprovdu għajnuna attiva liċ-ċittadini fl-infurzar tad-drittijiet tagħhom[43]. B'mod ġenerali, jekk ma jiġux applikati r-regoli eżistenti tal-UE, il-Kummissjoni se jkollha tistudja mekkaniżmi ta' rinfurzar addizzjonali biex jinkiseb il-moviment ħieles għall-ħaddiema b'mod reali. L-għarfien inadegwat dwar id-drittijiet tal-UE u l-aċċess diffiċli għall-għajnuna meta d-drittijiet jinkisru, ukoll jibqgħu kwistjonijiet iktar mifruxa. Fil-qafas tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni u l-istati Membri qed jaħdmu id f'id biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni u servizzi bla ħlas ta' għajnuna bħal Pariri tal-Ewropa Tiegħek u Solvit permezz tal-portal l-Ewropa Tiegħek.

– **It-tfixkil ikkawżat mit-taxxi li jiffaċċjaw iċ-ċittadini tal-UE** li jsiefru lejn Stat Membru ieħor temporanjament jew b'mod permanenti biex jaħdmu, u dawk li jaqsmu l-fruntieri kuljum għax-xogħol, iżid xkiel sinifikanti għall-mobbiltà tal-ħaddiema fl-UE. Dan it-tfixkil huwa magħmul minn firxa sħiħa ta' diffikultajiet pereżempju biex jakkwistaw l-allowances, il-ħelsien u t-tnaqqis mit-taxxi fil-pajjiż fejn jaħdmu jew rati tat-taxxa progressivament ogħla li japplikaw għan-nies mhux residenti, u problemi ta' tassazzjoni doppja.

[40] B'mod partikolari fil-Każ C-290/94.

[41] Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (COM(2011) 883) tad-19 ta' Diċembru 2011

[42] Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, u r-Regolament (KE) 987/2009 tal-Parlament u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009

[43] L-intitolament to kull persuna li tgħix u ssiefer liberament fl-UE għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u għall-vantaġġi soċjali skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali huwa wkoll rikonoxxut speċifikament fl-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2.3.2. *Intejbu t-tlaqqigħ tal-impjiegi ma' dawk li qegħdin ifittxu xogħol transkonfinali*

Billi hemm biss 25 000 impjegatur irreġistrat u jsibu impjieg/jiġu reklutati madwar 150 000 persuna fis-sena, l-għodda tas-Servizzi Ewropej għall-Impjiegi (EURES) għadha ma għamlitx użu sħiħ tal-potenzjal ta' impjieg dirett tagħha. Il-Kummissjoni għaldaqstant biħsiebha tiffoka lill-EURES fuq it-tlaqqigħ, il-lokalizzazzjoni u r-reklutaġġ, biex b'hekk jilħaq lil kemm jista' jkun persuni u jkollu l-akbar kapaċità ta' kopertura permezz ta' self-services innovattivi fil-lingwi Ewropej kollha u interoperabbiltà semantika sħiħa fl-iskambju ta' postijiet vakanti u dejta tas-CVs[44]. B'riżultat ta' dan, il-EURES se jkun jista' jagħti aċċess iżjed faċli u immedjat għall-postijiet vakanti fl-UE, filwaqt li joffri provvista li dejjem tinbidel ta' kandidati lill-impjegaturi, minn fejn dawn ikunu jistgħu jsibu l-ħiliet li jeħtieġu biex ikabbru n-negozju tagħhom.

Il-EURES se jitwessa' wkoll permezz ta' skemi mmirati ta' mobbiltà għall-ħaddiema li jappoġġaw tipi ta' xogħol li għalihom ma hemmx biżżejjed ħaddiema u gruppi speċifiċi ta' ħaddiema li għandhom tendenza kbira li jiċċaqilqu, kif ukoll swieq tax-xogħol nazzjonali li qegħdin jilqgħu jew li se jilqgħu ħaddiema Ewropej. F'dan ir-rigward il-EURES se jagħmel użu sħiħ tal-analiżi tal-postijiet vakanti u r-reklutaġġ, żviluppata mill-Kummissjoni permezz ta' għodod differenti bħalma huma l-Osservatorju Ewropew tal-Pożizzjonijiet Vakanti[45] u l-Bulettin Ewropew dwar il-Mobbiltà fix-Xogħol[46]. Konsultazzjoni regolari mal-partijiet interessati rilevanti, bħall-imsieħba soċjali u s-servizzi għall-impjiegi, tkompli tgħin lill-EURES biex tindirizza l-pożizzjonijiet vakanti li għalihom hemm nuqqas ta' ħaddiema u li dwarhom ġew identifikati diffikultajiet ta' reklutaġġ.

L-għan huwa li l-EURES isir punt ta' dħul u l-ewwel għażla naturali għal kull ċittadin jew ħaddiem residenti legalment u kull min qed ifittex ix-xogħol u kull impjegatur li jkunu qed jaħsbuha li jaħdmu jew jirreklutaw f'pajjiż Ewropew ieħor, biex b'hekk tittejjeb l-effiċjenza tas-suq tax-xogħol Ewropew[47].

2.3.3. *Inqisu l-impatti tal-migrazzjoni lejn l-UE u 'l barra mill-UE*

Minħabba li l-ħtiġijiet għall-ħaddiema fl-iżjed setturi ekonomiċi dinamiċi se jogħlew b'mod sinifikanti minn issa sal-2020, filwaqt li dawk involuti f'attivitajiet li jirrikjedu ftit ħiliet se jibqgħu jonqsu, hemm possibbiltà kbira li ma jkunx hemm biżżejjed ħaddiema biex jimlew il-postijiet li jeħtieġu ħiliet bi kwalifiki li huma speċifikati għal xogħlijiet partikolari. Fuq medda qasira ta' żmien, il-mobbiltà fl-Ewropa tista' tgħin biex jittaffew nuqqasijiet speċifiċi ta' ħaddiema u/jew ta' qbil bejn l-impjiegi u l-ħaddiema fl-UE-27. Fuq medda itwal ta' żmien, u b'mod partikolari minħabba l-iżvilupp demografiku tal-UE, l-immigrazzjoni ekonomika minn ċittadini ta' pajjiż terz għandha tiġi kkunsidrata b'mod ewlieni għas-suq tax-xogħol tal-UE. Iżda livelli ta' qgħad li baqgħu għolja b'mod persistenti f'ħafna Stati Membri affettwaw l-aċċettazzjoni tal-pubbliku tal-immigrazzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li għadd ta' Stati Membri qegħdin jiffaċċjaw l-emigrazzjoni mill-UE ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet minħabba l-kriżi ekonomika.

LEJN SUQ TAX-XOGĦOL EWROPEW

44 http://ec.europa.eu/eures/home.jsp
45 http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=955&langId=en.
46 http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=955&langId=en
47 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż, dwar ir-Riforma tal-EURES biex jintlaħqu l-miri ta' Ewropa 2020

Il-moviment ħieles tal-ħaddiema

Il-Kummissjoni se:

– Tressaq proposta leġiżlattiva sa tmiem l-2012 biex issostni l-ħaddiema mobbli (tagħrif u pariri) fl-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mit-Trattat u r-Regolament 492/2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni[48].

– Fl-2012, se tagħti spinta ġdida lill-ħidma fuq id-Direttiva dwar it-trasferibbiltà tal-pensjonijiet li tistabbilixxi standards minimi għall-ksib u l-preżervazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni supplementari.

– Tkompli ttejjeb il-portal l-Ewropa Tiegħek biex ikun hemm punt ta' aċċess wieħed biss għall-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-UE u aċċess faċli għal servizzi ta' għajnuna personalizzata bħal Pariri tal-Ewropa Tiegħek u Solvit.

– Teżamina l-miżuri tat-taxxa għall-ħaddiema transfruntiera bil-għan li tipproponi miżuri mmirati lejn it-tneħħija tal-ostakoli tat-taxxa li jiffaċċjaw il-ħaddiema impjegati minn xi ħadd u dawk dipendenti, iżda anki minn dawk f'impjieg indipendenti u l-pensjonanti.

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex:

– Jadottaw il-proposta tal-Kummissjoni għall-immodernizzar tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, biex b'hekk ikompli jiġi ffaċilitat r-rikonoxximent wisq meħtieġ tal-kwalifiki professjonali.

– Ikabbru l-għarfien tad-drittijiet mogħtija mil-liġi tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u dwar l-ugwaljanza tas-sessi u l-moviment ħieles tal-ħaddiema u jiftħu u jiffaċilitaw l-aċċess għal nies ta' nazzjonalitajiet tal-UE għal pożizzjonijiet fis-setturi pubbliċi tagħhom skont il-liġi tal-UE kif inhi interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

– Jerġgħu jikkunsidraw il-bżonn li jinżammu r-restrizzjonijiet eżistenti fuq l-aċċess ħieles għas-suq tax-xogħol minn ħaddiema Bulgari u Rumeni sal-aħħar tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

– Jesportaw il-benefiċċji tal-qgħad għal perjodu massimu ta' sitt xhur għal dawk li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol li jkunu intitolati għal dawn il-benefiċċji u li jkunu sejrin joqogħdu fi Stat Membru ieħor biex ifittxu x-xogħol, skont l-Artikolu 64 tar-Regolament 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali.

– Joħolqu kanali ta' komunikazzjoni aktar effikaċi mal-ħaddiema mobbli biex dawn ikollhom aċċess sħiħ għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom meta jmorru minn pajjiż għal ieħor fl-Ewropa.

– Jiffaċilitaw l-osservanza tat-taxxi billi jfittxu aktar konformità fil-formoli għall-irkupru u d-dikjarazzjoni tat-taxxa, billi jittraduċu l-informazzjoni għal lingwi uffiċjali oħra tal-UE u jużaw iktar it-teknoloġiji tal-informatika.

Is-Servizzi Ewropej tal-Impjieg (EURES)

Il-Kummissjoni tipproponi:

Li tittrasforma s-Servizzi Ewropej għall-Impjiegi (EURES) fi strument Ewropew komprensiv ta' impjieg f'konformità mal-miri ta' Ewropa 2020, billi:

---

48 *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, 27.5.2011, L141, p 1

– Tpoġġih f'pożizzjoni li jintuża bħala għodda Ewropea ta' lokalizzazzjoni u ta' reklutaġġ, li tissodisfa l-ħtiġijiet ekonomiċi filwaqt li tissodisfa l-obbligu legali li tiġi żgurata t-trasparenza tal-postijiet vakanti b'għodda elettronika ta' tlaqqigħ tal-ħaddiema mal-impjiegi, u dan jinkludi l-applikazzjonijiet tal-internet għall-mowbajls biex ikunu żgurati l-ikbar kopertura u disponibbiltà possibbli;
– Fl-2013 tintroduċi s-self-service elettroniku innovattiv "Match and Map" (Qabbel u Sib) li b'mod immedjat jipprovdi lill-utenti l-pożizzjonijiet ġeografiċi fuq mappa tal-offerti tax-xogħol Ewropej li jaqblu mal-profili tal-utenti u fl-istess ħin jagħtu lura l-informazzjoni dwar ir-raġunijiet għaliex impjiegi u ħiliet ma jaqblux, flimkien ma' informazzjoni korrispondenti dwar fejn ikunu disponibbli l-opportunitajiet ta' tagħlim tal-ħiliet meħtieġa.

Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Istati Membri biex itejbu l-użu tagħhom tal-EURES:

– Billi jiżguraw li l-postijiet vakanti rilevanti kollha mis-servizzi għall-impjieg kollha jsiru aċċessibbli b'mod sistematiku f'livell nazzjonali u permezz tal-EURES f'livell Ewropew;
– Jissorveljaw u jtejbu l-kwalità tad-dejta dwar il-pożizzjonijiet vakanti li tiġi skambjata fis-sistema tal-EURES;
– Jaħdmu biex jaslu għal interoperabbiltà aħjar fl-Ewropa kollha tal-pożizzjonijiet vakanti u CVs imtejba, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ESCO (Qafas Ewropew ta' Kapaċitajiet, Kompetenzi u Xogħol);
– Li jdaħħlu l-EURES bħala servizz miftuħ għall-atturi rilevanti kollha tas-suq tax-xogħol.

Il-Migrazzjoni

Il-Kummissjoni tipproponi:

– li qabel it-tmiem tal-2012 tibda konsultazzjoni fejn tistieden li ssir diskussjoni wiesgħa mal-Istati Membri, l-imsieħba soċjali, u mal-partijiet interessati dwar x'għandu jkun ir-rwol tal-politiki tal-UE fir-rigward tal-opportunitajiet tal-migrazzjoni ekonomika.

3. IT-TITJIB TAL-GOVERNANZA TAL-UE

Is-Semestru Ewropew kien l-ewwel pass fl-approċċ il-ġdid li qed jiġi adottat f'livell tal-UE, li permezz tiegħu l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE qegħdin ifittxu li jsaħħu l-koordinazzjoni fiskali u ekonomika u jfasslu politika ekonomika koerenti. Is-Semestru huwa wkoll il-metodu effettiv ta' governanza għall-monitoraġġ u l-iggwidar tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jappoġġaw il-miri ta' Ewropa 2020. Barra minn hekk, il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u fiskali reċentement issaħħet permezz tas-"six-pack", it-"two-pack" propost u t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Il-governanza u l-koordinazzjoni mtejba tal-impjiegi fl-UE saru essenzjali għal mill-inqas żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni hi li l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-qgħad u l-ispiża tax-xogħol għandhom rwol fl-istabbiltà makroekonomika, u jitqiesu fir-regolament il-ġdid dwar il-prevenzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u tat-tiswija tagħhom. It-tieni raġuni hi li l-kriżi wriet aktar biċ-ċar l-interdipendenza tal-ekonomiji tal-UE u s-swieq tax-xogħol, u enfasizzat il-ħtieġa li l-governanza ġdida ekonomika għandha tmur id f'id ma' koordinazzjoni

msaħħa tal-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, konformi mal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi stabbilita mit-Trattat.

3.1. Sorveljanza multilaterali mtejba tikkomplementa r-rappurtaġġ u l-koordinazzjoni nazzjonali rinforzati

Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2011 irrikonoxxa l-importanza li koordinazzjoni ekonomika rinfurzata tiġi kkumplementata b'monitoraġġ imtejjeb tal-politiki dwar l-impjiegi u soċjali[49]. Dan l-impenn politiku reġa' ġie kkonfermat mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2012, li għamel sejħa għat-tħejjija ta' "Pjanijiet Nazzjonali għall-Impjiegi" li jistabbilixxu inizjattivi komprensivi dwar l-impjiegi, mill-Istati Membri.

Bħala parti integrali mill-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Stat Membru, il-"Pjan Nazzjonali għall-Impjiegi" għandu jipprovdi riżultat ewlenin fir-rigward tal-gwida dwar l-impjiegi mogħtija mill-Kunsill Ewropew, fl-indirizz ta' dgħufiji strutturali tas-suq tax-xogħol u bl-għan li jagħmel impatt fuq terminu ta' żmien minn qasir għal medju fuq l-impjiegi. Il-pjanijiet għandhom jinkludu skeda ċara ta' kif se tiġi introdotta l-aġenda tar-riforma multiannwali fit-12-il xhar li ġejjin.

Barra milli jissodaw il-fokus tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma dwar it-titjib tar-riżultati fl-impjiegi, il-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Impjiegi għandhom iservu wkoll biex itejbu l-koordinazzjoni tal-politiki dwar l-impjiegi f'livell tal-UE. Pressjoni reċiproka miżjuda f'livell tal-UE tista' tappoġġa l-implimentazzjoni u tgħin biex jinżamm il-fokus. Il-lieva ewlenija għall-pressjoni reċiproka tibqa' l-possibbiltà li l-Kunsill jadotta rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi kif inhu previst fit-Trattat. Biex jissoda l-koordinazzjoni tal-politiki, il-Kumitat dwar l-Impjiegi din is-sena adotta metodi ġodda ta' ħidma, b'sensiela ta' reviżjonijiet mill-pari li se jippermettu li l-Kumitat jasal għal pożizzjoni multilaterali dwar l-implimentazzjoni tar-riformi, li se tinfluwenza l-valutazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill. Is-sorveljanza multilaterali tista' wkoll tiġi mtejba aktar b'sistema ta' monitoraġġ tas-suq tax-xogħol imsejsa fuq dejta oġġettiva u bi skema ta' traċċar ta' pajjiżi li ma jikkonformawx mar-rakkomandazzjonijiet speċifikati għalihom. Din tkun tippermetti sorveljanza kontinwa, trasparenti u kompleta tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-impjiegi u l-progress tagħhom lejn il-miri ewlenin ta' Ewropa 2020.

3.2. Nirrinfurzaw l-involviment tal-imsieħba soċjali

L-imsieħba soċjali jista' jkollhom rwol importanti fil-livell nazzjonali fid-definizzjoni tar-regoli tas-swieq tax-xogħol jew fl-iffissar tal-pagi, u jinfluwenzaw b'mod qawwi lil politiki strutturali oħra permezz ta' konsultazzjonijiet tripartiti, pereżempju fil-qasam tas-sigurtà soċjali. Huma importanti wkoll fl-implimentazzjoni ta' miżuri bħal apprendistati u tagħlim tul il-ħajja effettiv. F'livell tal-UE, l-imsieħba soċjali attwalment qegħdin jieħdu sehem fi djalogu biennali makroekonomiku, apparti li jieħdu sehem f'konsultazzjonijiet dwar proposti leġiżlattivi rilevanti u li darbtejn fis-sena jieħdu sehem fi skambju ta' opinjonijiet fl-ogħla livell politiku fis-Summit Soċjali Tripartitiku[50]. Kemm id-djalogu makroekonomiku u kemm is-Summits Soċjali Tripartitiċi jikkostitwixxu opportunitajiet importanti għall-involviment tal-imsieħba soċjali, anki fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Iżda hemm lok għal aktar titjib tal-

---

49 Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011 u l-Konklużjoni tal-Kunsill (EPSCO) tal-1 ta' Diċembru 2011

50 Fl-2012, il-Kummissjoni se tipproponi li taġġorna d-Deċiżjoni 2003/174 li tistabbilixxi Samit Tripartitiku Soċjali, bi qbil ma' dispożizzjonijiet fit-TFUE.

mekkaniżmi għall-involviment tal-imsieħba soċjali fil-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi u dwar l-impjiegi fil-livell tal-UE, partikolarment qabel is-Semestru Ewropew[51].

Filwaqt li l-awtonomija tad-djalogu soċjali hija żgurata u l-prattiki nazzjonali huma rispettati (skont l-Artikoli 152 u *153§5* TFUE) biex il-governanza ekonomika Ewropea ssir effettiva u inklużiva, l-involviment tal-imsieħba soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi jrid ikun proporzjonat mal-iżviluppi fil-mekkaniżmi ta' sorveljanza u koordinazzjoni. Il-mekkaniżmi għall-iffissar tal-pagi huma każ validu, minħabba li tqajjem għadd ta' kwistjonijiet marbutin mal-pagi fir-rakkomandazzjonijiet[52] tal-2011 li huma speċifiċi għall-pajjiżi, u minħabba li l-evoluzzjoni tal-ispejjeż nazzjonali għal kull unità ta' ħidma qiegħda tiġi ssorveljata fil-kuntest tal-prevenzjoni u tat-tiswija tal-iżbilanċi makroekonomiċi[53].

3.3. Insaħħu r-rabta bejn il-politiki u l-finanzjament

Ma jkunx possibbli li jinbnew swieq tax-xogħol dinamiċi u inklużivi, li jitnaqqas it-tqabbil ħażin, li jiġu aġġornati l-ħiliet u li tiżdied il-mobbiltà ġeografika mingħajr investiment finanzjarju sinifikanti fil-kapital uman. Għalhekk, fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali għal bejn l-2014 u l-2020, il-Kummissjoni pproponiet allokazzjonijiet minimi għall-Fond Soċjali Ewropew f'kull tip ta' reġjun, li jwasslu għal total għall-UE ta' mill-inqas EUR 84 biljun. Minbarra l-valutazzjoni (mill-ġdid) meħtieġa tal-prijoritajiet nazzjonali baġitarji fil-kuntest ta' konsolidazzjoni fiskali intelliġenti, ikkoordinata permezz tas-Semestru Ewropew, l-allinjament mill-qrib tal-baġit tal-UE mal-istrateġija Ewropa 2020 fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, irid jinħataf bħala okkażjoni biex jiżdied u jittejjeb l-użu tal-finanzjament tal-UE biex isostni l-isforzi għar-riforma tal-Istati Membri[54].

Dan jitlob rabta mill-qrib tal-prijoritariet tal-Kuntratti ta' Sħubija u tal-Programmi Operazzjonali ta' wara l-2013 li jibbenefikaw mis-sostenn tal-FSE bl-orjentazzjonijiet ipprovduti fil-kuntest tal-governanza ekonomika tal-UE, u b'mod partikolari tal-governanza mtejba tal-politiki dwar l-impjiegi. Fl-istess ħin il-Kummissjoni qed tippromwovi koordinazzjoni u integrazzjoni mtejba tal-fondi li għandhom jiġu koperti mill-Kuntratti ta' Sħubija, inklużi l-FSE u l-FEŻR, kif ukoll il-FAEŻR u l-FEMS. Dan l-approċċ jimmira li jtejjeb is-sinerġiji kemm hu possibbli, anki mill-perspettiva tal-impjiegi.

Ir-reviżjoni msaħħa tal-pari tal-implimentazzjoni tar-riformi u tal-iskambju tal-aħjar prassi li se jiffurmaw parti mir-rwol il-ġdid tal-Kumitat tal-Impjiegi, għandha tinkludi wkoll valutazzjoni tal-effikaċja tal-isforz ta' investiment relatat bil-għan li dan ikompli jittejjeb fejn hemm bżonn.

---

[51] Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-EPSCO tal-1 ta' Diċembru 2011, il-punt 9.5.

[52] Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2011 dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma

[53] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011

[54] Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu għas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, COM(2011) 615.

Il-Kummissjoni tipproponi:

li tirrinforza l-koordinazzjoni u s-sorveljanza multilaterali fil-qasam tal-politiki tal-impjiegi billi:

– tippubblika sistema ta' valutazzjoni komparattiva b'indikaturi tal-impjiegi magħżulin flimkien mal-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u fuq bażi annwali. Is-sistema se titfassal bil-kooperazzjoni tal-Istati Membri u tkun ibbażata fuq il-Qafas Konġunt ta' Valutazzjoni u l-Osservatur tal-Prestazzjoni tal-Impjiegi eżistenti li jidentifika l-isfidi ewlenin għall-impjiegi u li huwa żviluppat flimkien mal-Istati Membri.

– sal-aħħar tal-2012 bil-kooperazzjoni tal-Istati Membri u l-atturi kollha rilevanti, tiżviluppa tabella ta' valutazzjoni biex issegwi l-progress tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Impjiegi, bħala parti mill-Pjanijiet Nazzjonali ta' Riforma, mill-Istati Membri, għall-ewwel darba bħala parti mill-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2013 (Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi).

li ssaħħaħ l-involviment tal-imsieħba soċjali tal-UE fis-Semestru Ewropew billi:

– tistabbilixxi involviment effettiv tal-imsieħba soċjali tal-UE dwar il-prijoritajiet stateġiċi ewlenin fil-qasam tal-politiki dwar l-impjiegi i) fil-kuntest tas-Semestru Ewropew biex isir skambju tal-ideat dwar il-prijoritajiet għat-tkabbir u l-impjiegi, u ii) qabel il-laqgħat tar-rebbiegħa tal-Kunsilli ECOFIN u EPSCO. Il-laqgħa tal-EPSCO tkun tinvolvi l-Presidenza tal-Kunsill;

– mingħajr ħsara għall-awtonomija tal-imsieħba soċjali mogħtija permezz tal-Artikolu 152 tat-Trattat, tistabbilixxi format tripartitiku tal-UE għall-monitoraġġ u għall-iskambju tal-ideat dwar l-iżviluppi fil-pagi meta mqabbla mal-produttività, l-inflazzjoni u d-domanda interna, il-qgħad u l-inugwaljanzi tal-introjtu.

li ssaħħaħ ir-rabta bejn il-politiki dwar l-impjiegi u l-istrumenti finanzjarji rilevanti billi:

– fit-tħejjija ta' Kuntratti ta' Sħubija u Programmi Operattivi għal bejn l-2014 u l-2020, tirrifletti mill-qrib il-prijoritajiet tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, u b'mod partikolari tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Impjiegi, inkluż il-qafas ta' prestazzjoni tagħhom, filwaqt li tqis ir-rakkommandazzjonijiet u l-osservazzjonijiet rilevanti tal-Kumitat tal-Impjiegi, li huma speċifiċi għall-pajjiżi.

– fejn jeħtieġ, u fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi kif previsti fl-Artikolu 21 tar-regolament dwar id-dispożizzjonijiet komuni għall-Fondi CSF, tirrevedi l-Kuntratti ta' Sħubija u l-Programmi Operattivi.

– tqis il-valutazzjoni li tirriżulta mill-qafas tal-prestazzjoni tal-fondi fit-tħejjija tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma matul il-perjodu bejn l-2014 u l-2020.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri u lill-Kunsill biex:

– permezz tal-Kumitat tal-Impjiegi, tħejji l-mekkaniżmi għal sorveljanza multilaterali rinfurzata fil-qasam tal-impjiegi;

– jiddiskutu u jadottaw dawn il-mekkaniżmi ġodda fil-qafas tal-Kumitat tal-Impjiegi, bil-mira li jiġu approvati b'mod bikri mill-Kunsill u għall-implimentazzjoni sħiħa waqt is-Semestru Ewropew tal-2013;

–	jagħmlu użu sħiħ mill-finanzjament li jkun ipprovdut b'amministrazzjoni konġunta mill-2014 'il quddiem fi ħdan il-Fond Soċjali Ewropew biex isostni l-investimenti fi sfidi ewlenija identifikati tal-impjiegi.

Konklużjoni

L-għanijiet ta' din il-komunikazzjoni huma li turi l-iktar mezzi effettivi fil-qagħda attwali biex tintlaħaq il-mira tal-impjiegi li hemm f'Ewropa 2020 u b'hekk tirrinforza d-dimensjoni tal-impjiegi tal-Istrateġija għat-Tkabbir ta' Ewropa 2020. Il-komunikazzjoni tfittex li dan tagħmlu billi tipprovdi gwida sostantiva rilevanti fil-kuntest tal-Pjanijiet Nazzjonali tal-Impjiegi tal-Istati Membri, u billi tissuġġerixxi modi biex tissaħħaħ id-dimensjoni tal-impjiegi fil-governanza tal-UE:

- Il-Kummissjoni tipproponi gwida għall-politika dwar l-appoġġ tal-ħolqien tal-impjiegi u riformi tas-swieq tax-xogħol, filwaqt li tenfasizza l-importanza tal-investiment, u tistieden lill-Kunsill biex jadotta approċċ ambizzjuż għal dan l-għan.

- Il-Kummissjoni tissottolinea biex tindirizza n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet mal-impjiegi u ttejjeb l-mobbiltà tal-ħaddiema utneħħi t-tfixkil għal suq tax-xogħol ġenwin Ewropew.

- Il-Kummissjoni tipproponi mezzi kif issaħħaħ is-sorveljanza multilaterali, ittejjeb l-involviment tal-imsieħba soċjali fil-governanza tax-xogħol u tkompli tallinja l-politika u l-finanzjament sabiex timmassimizza r-riżultati fir-rigward tal-impjieg milħuqin permezz ta' strumenti tal-baġit tal-UE.

ANNESS

It-tliet pjanijiet ta' azzjoni f'dan l-anness (sett ta' azzjonijiet ewlenin fir-rigward tal-impjieg għall-Ekonomija Ekoloġika, pjan ta' azzjoni għall-Forza tax-Xogħol fis-settur tas-Saħħa tal-UE u sett ta' azzjonijiet ewlenin għall-Impjiegi fis-settur tal-ICT) huma proposti f'konformità mat-Taqsima 1.2 "L-isfruttament tal-potenzjal tas-setturi ewlenin għall-ħolqien tal-impjiegi" f'din il-Komunikazzjoni. Dawn huma sostnuti wkoll minn Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal differenti

Sensiela ta' Azzjonijiet Ewlenin għall-Impjiegi għall-Ekonomija Ekoloġika

Bħala reazzjoni għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-EPSCO ta' Diċembru 2010 dwar "Employment Policies for a competitive, low-carbon, resource efficient and green economy" (Politiki tal-Impjieg għal ekonomija kompetittiva, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti u li hi ekoloġika), qegħdin jitressqu sensiela ta' *azzjonijiet ewlenija dwar l-impjiegi* bil-għan li tinkiseb b'suċċess it-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika.

Il-Kummissjoni se:

1. Tippromwovi l-inklużjoni tal-impjiegi ekoloġiċi fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Impjiegi

- billi taħdem flimkien mal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) biex ikomplu jibnu fuq l-indikaturi dwar l-impjiegi ekoloġiċi u jiżguraw **monitoraġġ konsistenti tal-miżuri ta' riforma**;

- billi tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jindirizzaw **il-ħtiġijiet tal-allokazzjoni u taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema** permezz ta' **politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol u t-tagħlim tul il-ħajja**, anki billi tinkorpora dawn ir-reazzjonijiet politiċi fl-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali, urban jew lokali, skont kif ikun xieraq;

- billi, fis-Semestru Ewropew tal-2013, tenfasizza **d-dimensjoni tal-impjiegi li tittratta l-użu effiċjenti tar-riżorsi** u l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa. B'mod partikolari, l-Istati Membri se jitħeġġu li **jagħmlu aktar użu mit-taxxi ambjentali u d-dħul mill-ETS biex inaqqsu t-tassazzjoni fuq il-ħaddiema.**

2. Issaħħaħ l-intelliġenza fil-ħiliet ekoloġiċi

- billi tiżgura li **l-istrumenti ta' antiċipazzjoni tal-ħiliet fil-livell tal-UE** (l-istħarriġ tal-Panorama tal-Ħiliet tal-UE, tal-ESCO, tas-CEDEFOP u tal-EUROFOUND eċċ.) ikopru l-ħtiġijiet emerġenti għal ħiliet ekoloġiċi;

- billi fl-2013 torganizza sensiela ta' **azzjonijiet ta' tagħlim reċiproku b'atturi rilevanti tas-suq tax-xogħol**, b'mod partikolari dwar l-introduzzjoni tad-dimensjoni tal-ħiliet u t-taħriġ fl-istrateġiji iżjed wesgħin għat-tkabbir ekoloġiku nazzjonali (Programm ta' Tagħlim Reċiproku tad-DĠ EMPL) u dwar il-modi u l-mezzi ta' ħidma mad-dinja kummerċjali biex jidderieġu lil dawk li jkunu qed ifittxu x-xogħol u dawk li huma mhedda mis-sensji lejn impjiegi ekoloġiċi emerġenti (djalogu PES ma' PES);

- billi tippromwovi iżjed użu ta' **skemi standardizzati ta' ċertifikazzjoni tal-ħiliet** permezz tal-Programm Enerġija Intelliġenti tal-Ewropa (Intelligent Energy Europe Programme) fl-**2013/2014.**

3. Tippromwovi iżjed użu tal-istrumenti finanzjarji tal-UE għal investimenti ekoloġiċi intelliġenti

- billi taħdem mal-Bank Ewropew tal-Investiment biex ikabbar iżjed il-kapaċità li jsellef il-finanzjament għal inizjattivi pubbliċi u privati fil-qasam tal-użu effiċjenti tar-riżorsi u tal-enerġija rinovabbli;

- billi tħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-programmi operazzjonali **sostnuti mill-FSE** għas-snin bejn l-**2014 u l-2020** jindirizzaw il-ħtiġijiet għat-taħriġ ekoloġiku u l-kapaċità tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi li jgħinu fit-tranżizzjonijiet għas-suq tax-xogħol ekoloġiku; u għall-iffukar tar-riżorsi tal-FEŻR fuq l-użu effikaċi tal-enerġija u l-investiment fl-enerġiji rinnovabbli, skont il-proposta tal-Kummissjoni;

- billi, fil-kuntest tal-Faċilità Mikrofinazjarja "Progress", tniedi **forum għall-partijiet interessati dwar il-mikrofinanzjament u l-intraprenditorija soċjali** fl-2013 biex tħajjar lill-intermedjarji finanzjarji lokali biex jippromwovu l-attivitajiet imprenditorjali fl-ekonomija ekoloġika;

- billi timmira lejn inizjattivi innovattivi li jindirizzaw l-intersezzjoni bejn l-użu effiċjenti tar-riżorsi u l-impjieg inkluživ permezz tal-opportunità ta' **esperimentazzjoni soċjali** li jagħti PROGRESS.

4. Tibni sħubiji bejn l-atturi tas-suq tax-xogħol

- billi tappoġġa l-proġetti ta' kooperazzjoni soċjali fuq impjiegi ekoloġiċi u tranżizzjonijiet lejn ekonomija ekoloġika fi ħdan is-Sejħa għall-Proposti **PARES** 2013 għal proġetti innovattivi bejn is-Servizzi tal-Impjiegi;

- billi taħdem flimkien mal-**Imsieħba Soċjali Ewropej** fuq mezzi li jiffaċilitaw il-bidla għal ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju permezz ta' inizjattivi speċifiċi fil-**programm ta' ħidma** tagħhom għal bejn l-**2012 u l-2014**;

- billi tqajjem l-għarfien dwar l-aħjar inizjattivi u attivitajiet bipartiti u tripartiti għall-impjiegi ekoloġiċi permezz tal-pubblikazzjoni ta' **manwal ta' prattiki tajba** fl-2013.

Pjan ta' Azzjoni għall-Forza tax-Xogħol tal-UE fil-Qasam tal-Kura tas-Saħħa

Biex tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċja s-settur tal-kura tas-saħħa u konformi mal-impenn tal-Istati Membri li jaħdmu id f'id f'dan il-qasam, kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni tipproponi **Pjan ta' Ħidma** li fih l-azzjonijiet elenkati hawn taħt.

Il-Kummissjoni se:

1. Ittejjeb l-ippjanar u l-previżjonijiet fl-UE dwar il-forza tax-xogħol fis-settur tas-saħħa

- billi, sal-aħħar tal-2012, toħloq pjattaforma Ewropea magħmula minn Stati Membri u organizzazzjonijiet professjonali billi tniedi **azzjoni konġunta** ta' tliet snin **tal-UE dwar il-previżjoni u l-ippjanar fi ħdan il-Programm tas-Saħħa** biex ikun hemm skambju ta' prattiki tajba, tiżviluppa metodoloġiji ta' previżjoni dwar **il-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol fis-settur tas-saħħa** u **ppjanar effettiv tal-forza tax-xogħol** u ttejjeb id-dejta madwar l-UE dwar il-forza tax-xogħol fis-settur tas-saħħa;

- billi sal-2014 tiżviluppa gwida dwar l-iskambju ta' **kapaċitajiet tal-edukazzjoni u taħriġ fil-professjonijiet tas-saħħa** biex tagħmel l-aħjar użu tal-kapaċitajiet eżistenti bbażat fuq studju li għandu jinbeda fl-2013, li jelenka l-kapaċitajiet tal-Istati Membri għall-edukazzjoni u t-taħriġ fis-settur tas-saħħa, b'mod partikolari fl-universitajiet li jispeċjalizzaw fil-mediċina u fl-iskejjel għall-infermiera;

2. Tipprevedi b'mod aħjar il-ħtiġijiet tal-ħiliet fis-settur tal-kura tas-saħħa

- billi tappoġġa l-ħolqien ta' **Kunsill Ewropew tal-Ħiliet dwar il-prattika tal-infermiera u ħaddiema li jagħtu l-kura** fl-2013 biex ikun hemm analiżi aħjar tal-ħtiġijiet għall-ħiliet f'dawn il-professjonijiet, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-proposta għall-modernizzazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali

- billi trawwem is-sħubiji bejn dawk li jipprovdu t-taħriġ edukattiv/vokazzjonali u impjegaturi fis-settur tal-kura tas-saħħa permezz tal-ħidma bi prova ta' **Alleanza ta' Ħiliet marbutin ma' Settur** li għandha titwaqqaf fl-2013;

- billi tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajba dwar **l-iżvilupp professjonali kontinwu,** biex jiġu aġġornati l-ħiliet u l-kompetenzi u li jgħin biex jinżamm il-persunal fis-settur tal-kura tas-saħħa permezz tat-tagħlim tul il-ħajja, permezz ta' reviżjoni u elenkar ta' sistemi u prattiki nazzjonali li għandhom isiru fl-2013;

- billi sal-2014 tiżviluppa r-rakkomandazzjonijiet għall-**ħtiġijiet ta' taħriġ ta' assistenti fil-kura tas-saħħa,** li jinkludu **l-appoġġ edukattiv għall-carers informali** bbażat fuq analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa mingħand **l-assistenti fil-kura tas-saħħa**, permezz tal-istabbiliment **netwerk ta' esperti u bażi ta' dejta bi prova għall-tal-assistenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa**;

3. Tistimula l-iskambju dwar ir-reklutaġġ u ż-żamma ta' ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa

- billi sal-2013 tniedi **elenkar ta' strateġiji innovattivi u effettivi ta' reklutaġġ u żamma** fis-settur tal-kura tas-saħħa **bil-għan li jkun hemm skambji ta' prattiki tajba** fost l-Istati Membri permezz tal-ħruġ ta' sejħa għall-offerti għall-elenkar u permezz ta' studju dwar azzjoni konġunta mal-Istati Membri;

4. Tappoġġa r-reklutaġġ etiku tal-ħaddiema fis-settur tas-saħħa

- Billi **tappoġġa** l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-**kodiċi tal-prattika tajba tal-il-Kodiċi ta' Prattika Globali tal-WHO** għar-reklutaġġ Internazzjonali tal-Persunal fil-qasam tal-Kura tas-Saħħa permezz tal-iżvilupp ta' approċċ komuni

Sensiela ta' Azzjonijiet Ewlenin għall-Impjiegi fit-Teknoloġija tal-Informatika

Sar progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħiliet diġitali, "e-Skills for the 21st Century"[55]. Issa hemm qbil ġenerali qawwi dwar il-ħtieġa ta' strateġija dwar il-ħiliet diġitali msejsa fuq kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-imsieħba soċjali biex tisfrutta l-potenzjal ta' impjegabbiltà tat-teknoloġiji tal-informatika.

Il-Kummissjoni se:

1. Twaqqaf **sħubiji magħmulin minn bosta partijiet interessati** biex

– - Ittejjeb l-identifikazzjoni ta' **nuqqasijiet ta' tlaqqigħ** fis-suq tax-xogħol bejn id-domanda u l-provvista ta' profili ta' impjieg marbutin mat-teknoloġija tal-informatika

– - timmobilizza l-organizzazzjonijiet u n-netwerks li joffru **t-tfassil, il-forniment u ċ-ċertifikazzjoni ta' inizjattivi ta' taħriġ fil-ħiliet tat-teknoloġija tal-informatika**, b'mira speċjali fuq l-impjegabbiltà u ċ-ċertifikazzjoni ta' kompetenzi informali;

– - tappoġġa **kampanji ta' għarfien** (Il-Ġimgħa Ewropea tal-Ħiliet Diġitali[56], Get Online Week), u **tippromwovi l-karrieri fit-teknoloġija tal-informatika** biex tiġbed u tinvolvi liż-żgħażagħ u lil dawk li jiġu kklassifikati taħt profili li mhumiex rappreżentati kif xieraq, bħan-nisa, il-ħaddiema li waslu f'nofs il-karriera tagħhom u l-gruppi vulnerabbli;

[55] Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħiliet diġitali għas-seklu 21, ta' Ottubru 2010, http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/ict/files/reports/eskills21_final_report_en.pdf

[56] Ara **http://eskills-week.ec.europa.eu**

2. Issaħħaħ il-qafas Ewropew tal-ħiliet diġitali

– - billi sal-2013 toħloq taqsima speċjalizzata li tiffoka fuq il-karrieri fit-teknoloġija tal-informatika fil-websajt tal-**Panorama tal-Ħiliet Ewropej**;

– - billi **fl-2012 tiddefinixxi aħjar il-qafas Ewropew tal-Ħiliet Diġitali** żviluppat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN)[57] biex sal-2013 jipprovdi deskritturi tal-kompetenzi diġitali u għodda ta' awtovalutazzjoni għal dawk kollha li qegħdin jitgħallmu, li se tiġi integrata fil-Passaport Ewropew tal-Ħiliet ġejjieni;

– - billi fl-2013 tiżviluppa **l-linji gwida Ewropej** għat-tagħlim diġitali bbażat fuq il-ħtiġijiet tal-kummerċ u fuq l-aħjar prattiki li jinkludu inizjattivi mmexxija mill-industrija;

– - billi tippromwovi **kwalifiki bbażati fuq ċikli ta' żmien qasir**, kemm fl-edukazzjoni għolja, kif ukoll fl-edukazzjoni vokazzjonali u fit-taħriġ, biex jipprovdu ħiliet diġitali li huma ffokati u applikati;

3. Issostni żieda fil-forza tax-xogħol ta' ħaddiema li għandhom kwalifiki għolja fit-Teknoloġija tal-Informatika

– - billi matul l-2012 tiżviluppa **tikketti ta' kwalità għat-taħriġ fit-Teknoloġija tal-Informatika bbażat fuq l-industrija** u għaċ-ċertifikazzjoni li tkun kompatibbli mal-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET); u fl-2013 tiżviluppa proġett bi prova li jipprovdi **topografija interattiva taċ-ċertifikazzjonijiet tal-industrija tat-Teknoloġija tal-Informatika** u test tal-awtovalutazzjoni onlajn għal dawk li jaħdmu fit-Teknoloġija tal-Informatika;

– - billi tippromwovi s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet fl-oqsma tal-ħiliet fit-Teknoloġija tal-Informatika, l-intraprenditorija u l-cloud computing fil-kuntest tal-pjan ta' ħidma ġejjieni tal-UE dwar il-**cloud computing**;

– - tkompli tiżviluppa **l-inizjattiva tal-UE dwar it-tmexxija diġitali** mnedija fl-2012 biex tindirizza l-ħtiġijiet tal-imprendituri, tal-maniġers, tal-ħaddiema fit-Teknoloġija tal-Informatika u utenti b'ħiliet avvanzati, b'mira speċjali fuq in-negozji ġodda u l-SMEs;

4. Tippromwovi iżjed użu tal-istrumenti finanzjarji tal-UE għall-investimenti fil-ħiliet fit-Teknoloġija tal-Informatika

– - billi tħeġġeġ lill-Istati Membri biex isaħħu t-taħriġ diġitali fis-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tagħhom u jagħtu spinta lill-inklużjoni diġitali permezz ta' **programmi operattivi sostnuti mill-FSE** fis-snin ta' bejn l-2014 u l-2020

[57] Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN)